

# familja

Ħarġa Numru 11 • Awwissu 2020

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

*familja.media@gov.mt*

***Ritratt tal-Qoxra:***

*San Pawl il-Baħar*
*Marthese Borg*

## Rivista 'Familja'

hi inizjattiva tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ online kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata għall-pubbliku bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru. Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq taqsam magħna, nistiednuk tiktbilna fuq l-imejl: familja.media@gov.mt

Biex tirċievi r-rivista 'Familja' tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta:
Tonio Bonello,
MFCS Uffiċċju tal-Komunikazzjoni,
Operations Directorate,
Nru 38 Triq l-Ordinanza,
Il-Belt Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

**Tonio Bonello**
Editur

'Familja' qed tasal għandkom grazzi għall-kontributuri professjonali, volontarji u kollegi oħra li jaħdmu magħna. Dan bl-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità jkompli jissaħħaħ fl-interess tas-soċjetà.

Tista' taċċessa edizzjonijiet passati fuq:
**https://family.gov.mt/en/Pages/FamiljaMagazine.aspx**

# Ħajr lill-kontributuri


**08** **L-Onorevoli Dr Michael Falzon**
Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali

**09** **L-Onorevoli Silvio Parnis**
Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità

**11** **Is-Sur Mark Musù**
Segretarju Permanenti fil-Ministeru

**13** **Is-Sa Denise Fiorentino**
Direttur Ġenerali għar-Riċerka, Policy u Operat

**15** **Is-Sa Pauline Miceli**
Kummissarju tat-Tfal - MFCS

**16** **Dr Josianne Cutajar**
Kap Eżekuttiv SVP

**19** **Is-Sur Matthew Vella**
Kap Eżekuttiv tal-Awtorità dwar Standards ta' Ħarsien Soċjali

**21** **Is-Sur Matthew Mangion**
Chief Nursing Manager AACC

**24** **Dr Mary Vella MD**
Kummissarju tal-Anzjani

**25** **Is-Sa Christine Agius**
Supervisor, Human Resources Unit SVP

**26** **Is-Sur Jonathan Silvio**
Director Policy Development and Programme Implementation

**27** **Is-Sa Karen Farrugia**
Manager II (Research) International Affairs

**30** **Is-Sur George Zammit**
Gwida

**32** **Is-Sa Doris Zammit**
Opinjonista u xandara veterana

**33** **Is-Sur Philip Chircop**
Fundatur 'Nanniet Malta'

**34** **Is-Sa Mary Anne Zammit**
Kittieba u Artista

**35** **Is-Sa Mary Anne Zammit**
Kittieba u Artista

**36** **Is-Sur George Zammit**
Kelliem Reliġjuż

**37** **Is-Sur Peter Miceli Saydon**
Prinċipal

**36** **Is-Sur Tony Micallef**
Infermier


# Ħajr ukoll lil

**Is-Sur Joseph Cachia**
Konsulent
fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

**Is-Sur Stefan Borg**
Communications Coordinator
tal-Onor. Ministru Michael Falzon
MFCS

**Is-Sur Daniel Ciappara**
Communications Coordinator
tal-Onor. Segretarju Parlamentari Silvio Parnis
MFCS

**Is-Sa Letizia Buttigieg**
Head of Communications
Awtorità dwar Standards ta' Ħarsien Soċjali

**Is-Sa Suzanne Garcia Imbernon**
Task Manager
Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal

**Is-Sa Remenda Grech**
Direttur - Appoġġ

**Is-Sur Archibald Attard**
Officer in Scale 10

**Is-Sur Godwin Borg**
Muntaġġ u Grafika



**Agħti d-demm**
**illum**
**Għada jista' jkun tard**

**2206 6201**

**GRAZZI**

# Editorjal

**Tonio Bonello**
Editur Media MFCS
Corporate Communications Manager

## COVID-19 +/-

Li kieku bniedem kellu jgħodd liema kienet dik l-aktar kelma li ssemmiet matul dawn l-aħħar xhur, mhux f'dawn il-gżejjer biss, iżda madwar id-dinja, aktarx isib li kienet; Corona Virus – jew Covid-19.

Bir-raġun. Ġrajja dinjija storika. Katastrofi ekonomika li qajla rajna bħala. Każ straordinarju, kważi surreali. Fuq kollox, li ħalla tant vittmi li llum m'għadhomx magħna. Veru, id-dinja għad trid tistenna biex verament kollox jasal lura għan-normal. Imma x'inhu n-normal?

Jekk Covid-19 ma sewa ta' xejn, serva biex għallimna ħafna. Mhux l-aktar, dwaru. Imma dwarna nfusna. Il-mod kif aħna ngħixu bħala familja u bħala soċjetà. Kif drajna nidħlu minn triq għal oħra b'serbut twil vetturi. Kif drajna kullimkien, li rridu mmorru aħna, u mhux kontra!

Virus li sewa l-ħajja ta' mijiet ta' eluf ta' nies. Fl-istess ħin li ta nifs ġdid lid-dinja ambjentalista. L-għaqda mill-ġdid tal-Ożonju. Anqas tniġġiż mill-ħsejjes. Aktar spazji fil-wesgħat tagħna. Sema, art u baħar ħielsa mill-magni ħolqien il-bniedem.

Mhux biss. Matul il-Covid-19 rajna l-id tas-solidarjetà. L-għaqda tal-ġirien fi toroq tagħna. Il-qawmien fl-ispiritwalità. Il-kuraġġ ta' ħutna qalbiena tobba, infermieri, suldati, pulizija, li ħallew familja biex marru jiġġieldu kontra għadu qawwi, daqstant ieħor inviżibbli.

Iżda x'inhu normal? Tajjeb mija fil-mija kien dak li għalina dejjem qisna b'norma n-normal? Kien hemm, u hemm x'nirranġaw? Hemm fejn nistgħu intejbu biex ħajjitna, privata u pubblika tkun tassew tirrifletti progress l-umanità?

Kif se jkunu l-iskejjel t'għada meta jiftħu? Il-postijiet tax-xogħol se jibqgħu jaħdmu bis-sistemi ta' darba msejħa 'normal'? U tajjeb li nerġgħu immorru lura għal toroq mimlija ġmied u duħħan, kulħadd jibla' f'imniffsejh minn ta' quddiemu?

Importanti nirriflettu, neżaminaw, nanalizzaw, niskorpu, naħsbu, nippjanaw, niddiskutu, nitkellmu u naraw kif nistgħu nkunu aħjar. Dan jista' jsir biss bil-kontribut ta' kull wieħed u waħda minna. B'din id-direzzjoni quddiemna li nistgħu tassew napprezzaw kemm Covid-19 ma kienx biss diżastru, imma forsi wkoll, sors ta' riflessjoni fejn konna, u fejn nistgħu nkunu b'mod sħiħ, komplut, 'il quddiem!



## Servizz ta' kwalità

Proprju ftit tal-ġimgħat ilu tħabbar li bħala parti mill-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku ta' din is-sena, ser jingħataw numru ta' għotjiet ta' rikonoxximent għall-kwalità fl-għoti tas-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika.

Dawn il-*Quality Awards* ingħataw għall-ewwel darba s-sena li għaddiet, waqt ċerimonja fil-Palazz tal-Verdala mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, George Vella.

"Qed ikun ikkunsidrat li jingħataw għotjiet ta' rikonoxximent lil dawk il-ħaddiema fl-amministrazzjoni pubblika li eċċellaw, b'mod partikolari fl-għoti tas-servizzi tagħhom lill-klijenti.  Din l-opportunità tagħti ċ-ċans li jiġu ppremjati ħaddiema li għandhom għal qalbhom il-ġid komuni fis-soċjetà, id-dedikazzjoni, l-għożża lejn ħidmiethom u li jkunu marru lil hinn mix-xogħol normali tagħhom."

Din kienet silta minn komunikazzjoni tas-Sur Mario Cutajar, is-Segretarju Permanenti Ewlieni u Segretarju tal-Kabinett li hu qasam mal-ogħla diriġenti u Kapijiet tad-Dipartimenti dwar aktar inizjattivi fi ħdan is-servizz pubbliku bl-għan li tiżdied aktar il-motivazzjoni, l-effiċjenzja, il-kuntatt aħjar mal-konsumatur, u fuq kollox, li lkoll kemm aħna noffru dak l-ogħla servizz ta' kwalità li llum hu mistenni fis-soċjetà li ngħixu fiha.




Ritratt: DOI - Omar Camilleri

## 'Familja' u s-supplimenti speċjali

Din is-sena, flimkien bħala Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan id-Direttorat tal-Operazzjonijiet ta' dan il-Ministeru, komplejna ntejbu s-servizz ta' kuntatt dirett, kemm mal-impjegati tagħna kollha, però bl-istess qies mal-pubbliku Malti u Għawdxi.

It-titjib notevoli li kien hemm fil-pubblikazzjonijiet tagħna 'Familja' f'kuntest ta' kontenut u preżentazzjoni qed iwassal biex nersqu qrib iċ-ċittadin b'materjal frisk u relevanti servuti tajjeb f'pakkett attraenti u li jappella għall-ġenerazzjonijiet tal-lum.

Rivista 'Familja' minn din is-sena qed toħroġ sitt darbiet fis-sena, jiġifieri kull xahrejn, talterna bejn tlett edizzjonijiet (Frar, Ġunju, Ottubru) maħsuba għall-impjegati ta' dan il-Ministeru u tlieta oħra (April, Awwissu, Diċembru) b'aċċenn partikolari għall-pubbliku. Infakkar li mis-sena l-oħra, ma' dawn il-pubblikazzjonijiet żdiedu wkoll is-Supplimenti Speċjali. Ta' kull sena l-pubbliku jkollu l-opportunità li jkun infurmat b'mod aktar ħolistiku dwar entità fi ħdan dan il-Ministeru.

L-ewwel f'din is-serje kien is-Suppliment Speċjali dwar il-funzjoni u l-operat tal-Kummissarju tat-Tfal, pubblikazzjoni li tqassmet bieb bieb madwar Malta u Għawdex, flimkien ma' fuljett informattiv dwar id-drittijiet tat-tfal li tqassam fl-iskejjel.

*Ikompli fil-paġna li jmiss*

*Ikompli mill-paġna ta' qabel*

Din is-sena, fi ftit jiem oħra biss se jkun qed joħroġ Suppliment Speċjali dwar l-Aġenzija Sapport u s-servizzi kollha li toffri għal dawk li jinħtieġuha.

Dan ukoll se jkun akkumpanjat minn fuljett ieħor bl-għan li jilħaq l-ogħla udjenza possibbli.

Hemm inizjattivi oħra interessanti ferm li, nittama se nkunu nistgħu nħabbru u nintroduċu fix-xhur li ġejjin biex b'hekk, bħala uffiċċju ta' komunikazzjoni korporattiva inkunu tassew qed naqdu l-funzjoni li nressqu dak kollu li għandu x'joffri dan il-Ministeru fl-ambjenti kollha tiegħu lejn kull persuna, Malti, Għawdxi u aktar li qed jgħixu f'dawn il-gżejjer.

## Ittraħbar

Tqassmet l-edizzjoni 21 ta' 'Ittraħbar' mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni għax-xahar ta' Ġunju. Partikolarment titratta indirizz li jfakkar it-23 ta' Ġunju fejn ta' kull sena jkun imfakkar il-Jum Dinji tas-Servizz Pubbliku.

Tinkludi wkoll, fost affarijiet oħra, intervista li saret ma' Prof. Charmaine Gauci, Supretendent tas-Saħħa Pubblika u intervista oħra ma' Dr Chris Barbara, Clinic Chairman tad-Dipartiment tal-Patoloġija, kif ukoll statistika interessanti ħafna turi l-mod kif is-Servizz Pubbliku ħadem matul il-Covid-19.



*Is-sors ta' din il-paġna hi 'Ittraħbar Ġunju 2020'*

# FATTI INTERESSANTI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU WAQT IL-COVID-19

- <88,000 swab fil-komunità
- Numru ta' testing hubs 4
- Persuni infettati 664
- 616 persuni mfejqa
- 72 edizzjoni ta' Covid-19 bulletins mid-DOI
- 20 helpline relatati mal-Covid-19
- >30 avviż legali ppubblikati
- 100,000 impjieg salvati bi skemi varji
- Nefqa fil-Covid-19 wage supplement €10,250,000
- Applikazzjonijiet minn negozji għall-Covid-19 wage supplement 18,204
- 83,000 ħaddiem megħjuna
- Telefonati għand Helpline Malta Enterprise 60,000
- Telefonati dwar sigurtà soċjali < 18,000
- Emails dwar sigurtà soċjali < 65,000
- Fond ta' emerġenza għal għaqdiet volontarji €125,000
- Flus li tat Malta għal riċerka internazzjonali tal-Kummissjoni Ewropea €400,000
- Laptops u tablets imqassma lil studenti vulnerabbli 123
- Mistoqsijiet li saru lid-DIER: telefonati <15,000 emails <5,500
- 43,200 kilometru ta' bankini diżinfettati
- Litri ta' ilma użati 2,900,000
- 3,241 bus shelter diżinfettati
- >26,000 spezzjoni tal-forzi tal-ordni dwar kwarantina
- 9,308 spezzjonijiet fi stabbilimenti
- Tqassim ta' ikel u mediċini lil 3,647 pazjent



# Il-Familja prijorità assoluta


**L-Onor. Michael Falzon**

Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali


Ħbieb, għixna l-aħħar ġimgħat mimlija sfidi, li ħadd fid-dinja ma kien jistenna. Fortunatament, sforz il-kollettività u r-reżiljenza li wrejna bħala pajjiż, jidher illi qed nirritornaw lura għan-normal.

Sa mill-ewwel ġranet tal-pandemija, dan il-Gvern wera' impenn ċar sabiex jipprevjeni t-tixrid ta' dan il-virus, iżda mhux biss. Rajna li nsalvaw eluf t'impjiegi, u li kieku m'għamilniex dan, konna nispiċċaw f'sitwazzjoni diżastruża għall-familji tagħna.

Bħala Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, introduċejna ħlasijiet ta' benefiċċji soċjali għal dawk il-persuni li kellhom l-impjieg tagħhom affetwat minħabba l-COVID-19.

Ibbenefikaw ġenituri, persuni b'diżabilità u b'xi kundizzjoni medika, kif ukoll persuni illi spiċċaw bla xogħol. Ma waqqafniex hawn, ħabbarna rati ġodda tal-in-work benefit, fejn b'kollox ibbenefikaw 900 familja u medja ta' 6,440 tifel u tifla.

Dawn il-persuni se jibdew jieħdu wkoll iż-żieda adizzjonali dovuta lilhom ta' €250 mill-pagament ta' Lulju.
Dawn iż-żidiet se jammontaw għal €4 miljun.

Bqajna nħaddmu miżuri bħat-'Tapering of Benefits', Childcare b'xejn, filwaqt li komplew jiġu ndirizzati inġustizzji tal-passat, pensjonijiet u għexiren ta' miżuri soċjali oħrajn. Daħal fis-seħħ ukoll iċ-Child Bonus, li minnu diġà gawdew madwar 4,000 koppja. Dan jingħata f'forma ta' bonus ta' darba ta' €300 għal kull wild jew adozzjoni.

Se nagħtu voucher ta' €100 għal kull persuna 'l fuq minn 16-il sena sabiex jintefqu f'xi post tad-divertiment jew akkomodazzjoni. Iridu nerġgħu naraw lill-familji jgawdu flimkien. Dan kollu qed isir mingħajr ma ntroduċejna l-ebda piż ta' taxxi jew forma ta' piżijiet oħra. Raħħasna wkoll il-prezzijiet tal-petrol u d-diesel b'7c.

Ħbieb, ejja nżommu dir-reżistenza u nkomplu nippromwovu l-bżulija, u b'dan il-mod nerġgħu nersqu lejn ekonomija b'saħħitha li bnejna u li kienet kapaċi tindirizza dawn l-isfidi straordinarji li għixna fl-aħħar ġimgħat!



# Rajna li jsir dak kollu possibbli biex nipproteġu lil dawk l-aktar vulnerabbli



**L-Onor. Silvio Parnis**

Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità

Kif tafu fis-7 ta' Marzu, tħabbar l-ewwel każ ta' COVID-19 f'pajjiżna. Apparti l-pjanijiet ta' kontinġenza li kienu ilhom ippreparati, dakinhar stess ħabbarna l-ewwel miżura sabiex nipproteġu lill-anzjani li jinsabu fir-residenzi tal-anzjani.

Dakinhar fil-fatt ħriġna avviż biex kull min iħossu ma jiflaħx jew għadu kif jivvjaġġa fil-pajjiżi indikati mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, m'għandux iżur il-qraba li jinsabu fir-residenzi tal-anzjani.

Ġie żgurat li f'kull entratura tad-djar residenzjali jkun hemm hand rub. Il-ħinijiet ġew restritti għal filgħaxija u waranofsinhar u limitati għal massimu ta' żewġ persuni fejn kull resident. Fir-residenza ta' San Vinċenz De Paul bdiet ukoll sistema ta' monitoraġġ għal dawk li jidħlu u l-appuntamenti għas-servizzi tal-outpatients ġew skedati għal dati oħra.

Tliet ijiem wara, jiġifieri fl-10 ta' Marzu, fid-dawl tal-iżviluppi li kien hemm, ħabbarna li l-ħinijiet tad-dħul tal-viżitaturi, kemm fir-residenzi għall-anzjani u anki fir-residenza ta' San Vinċenz De Paul ġew restritti għall-11am san-12:30pm u bejn l-4:00pm u s-6:00pm.

Ingħata wkoll permess li tidħol biss persuna waħda fejn kull resident u kull viżitatur u ħaddiem beda jsirlu monitoraġġ. Komplejna mbagħad billi bdejna nħeġġu lill-anzjani u lill-persuni vulnerabbli sabiex ma joħorġux mid-dar tagħhom jekk verament mhux għall-bżonn.

Fit-12 ta' Marzu ħadna d-deċiżjoni iebsa li d-djar residenzjali għall-anzjani u r-residenza ta' San Vinċenz De Paul iwaqqfu ż-żjarat kollha mill-viżitaturi u jkunu permessi li jidħlu viżitaturi f'każi urġenti biss. Din id-deċiżjoni bdiet tapplika wkoll għad-djar residenzjali għall-persuni b'diżabilità.

Fit-13 ta' Marzu bil-għan li nsaħħu s-servizzi essenzjali u nissalvagwardjaw kemm lill-ħaddiema, kemm lill-anzjani kif ukoll lill-persuni vulnerabbli saru emendi fis-servizzi offruti mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u mill-Aġenzija Sapport.

Fis-16 ta' Marzu mbagħad nedejna wkoll helpline għal dawk il-persuni li għandhom iżjed minn 60 sena, li huma mingħajr l-ebda sapport, u li għandhom bżonn xi mediċini, ikliet lesti jew xi groceries.

Barra minn hekk matul dan il-perjodu bdejna nassiguraw li jsiru video calls, telefonati, komunikazzjoni permezz ta' social media jew xi tip ta' komunikazzjoni oħra bejn ir-residenti u l-familjari. L-Awtorità ta' Standards u Ħarsien Soċjali ħarġet ċirkolari fl-14 ta' Marzu sabiex dan isir. F'San Vinċenz

*Ikompli fil-paġna li jmiss*



*Ikompli mill-paġna ta' qabel*

De Paul beda jintuża Skype għal dan il-għan. Tqassmu wkoll tablets fid-djar tal-Gvern.

Bdew ukoll jixxandru diversi sessjonijiet tal-Università tat-terza età fuq ir-radju tal-università u għal dawk il-familji ta' persuni b'diżabilità. L-Aġenzija Sapport bdiet twassal sensiela ta' workshops immirati b'mod speċjali lejn il-ġenituri ta' tfal u adulti b'diżabilità. Ta' min wieħed jgħid ukoll li l-familjari tal-persuni b'diżabilità baqgħu jiġu segwiti permezz ta' kuntatt online jew bit-telefown mill-Aġenzija. Dan għax nifhmu li mhux il-persuni b'diżabilità biss għandhom bżonn is-sapport iżda wkoll il-familjari tagħhom.

Fix-xahar ta' Mejju kien ukoll jaħbat Jum l-Omm. L-okkażjoni ta' Jum l-Omm hija festa għażiża ħafna għal ħafna minna. Kif tafu, huma ħafna dawk li għandhom lill-għeżież tagħhom li jinsabu f'residenzi tal-anzjani u tal-persuni b'diżabilità. Fid-dawl ta' dan, ħadna ħsieb li fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, il-qraba li għandhom lill-għeżież tagħhom jgħixu f'dar tal-anzjani, inklużi r-Residenza ta' San Vinċenz De Paul jew f'dar tal-persuni b'diżabilità setgħu jeħdulhom rigal.

Permezz ta' din l-inizjattiva l-qraba setgħu jferrħu lill-għeżież tagħhom f'dan il-mument tant iebes għalina lkoll. Barra minn hekk is-Segretarjat assigura li l-Kumitat tal-Welfare jagħti rigali lin-nisa kollha li jinsabu fid-djar tal-anzjani tal-gvern u f'dawk id-djar fejn hemm arranġamenti ta' public-private partnership, kif ukoll djar fejn il-gvern jixtri s-sodod.

F'dan il-perjodu iebes bħala s-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità flimkien mal-Kapijiet Eżekuttivi responsabbli mid-djar tal-anzjani u r-residenzi għall-persuni b'diżabilità żorna wkoll minn barra, sabiex inżommu d-distanza, diversi djar tal-anzjani, b'mod speċjali dawk li fihom kien hemm il-ħaddiema f'*lockdown* mar-residenti u anki r-residenzi kollha li jaqgħu taħt l-Aġenzija Sapport. Dan għamilnieh sabiex f'dan iż-żmien diffiċli nwasslu messaġġ ta' kuraġġ lir-residenti u nirringrazzjaw lill-ħaddiema tax-xogħol eċċezzjonali li qed jagħmlu.

Dawn id-deċiżjonijiet iebsin ma kinux faċli iżda meta wieħed iħares lura jirrealizza kemm dawn kienu meħtieġa. Dawn id-deċiżjonijiet, li ttieħdu fuq il-pariri tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika wasslu għar-riżultati pożittivi li għandna llum.

L-għan ta' dan is-Segretarjat kien, għadu u se jibqa' li nħarsu lill-anzjani u lill-persuni b'diżabilità u li naraw li s-servizzi offruti lilhom ikomplu dejjem jissaħħu. Inħares għalhekk 'il quddiem b'ottimiżmu sabiex inkomplu naħdmu bla waqfien b'risq l-anzjani u l-persuni b'diżabilità.



L-effetti tal-Covid-19

# Ħidma ta' suċċess u għaqda nazzjonali



**Mark Musù**

Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Familja,
Drittijiet tat-Tfal u
Solidarjeta' Soċjali

Qed nikteb dan il-messaġġ fl-istess żmien li qed jitneħħew l-aħħar restrizzjonijiet imposti mill-Ministru għas-Saħħa u s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika biex jilqgħu għall-imxija tal-*coronavirus* biex b'hekk issa intemmet l-emerġenza tas-saħħa pubblika li tnediet f'Marzu ftit wara li feġġew l-ewwel każijiet lokali.

Ma kienx hawn familja f'Malta u Għawdex li tul l-emerġenza ma ntlaqtitx b'mod jew ieħor.  Kien hawn min tilef l-impjieg jew kellu jissospendi n-negozju tiegħu; min tnaqqsulu s-sigħat tax-xogħol jew kellu jissakkar jaħdem minn daru; xi nies fosthom anzjani u persuni vulnerabbli, kellhom jgħixu iżolati u mifruda mill-għeżież tagħhom u min kellu jieħu l-kura u joqgħod kwarantina għax safa' nfettat.

Kellna wkoll sfortunatament min tilef ħajtu. Kien hawn min sofra mentalment kawża ta' ansjetà, tensjoni jew solitudni. Eluf ta' tfal tbiegħdu mill-bankijiet tal-iskola u mill-ħbieb tagħhom.

F'temp ta' ftit ġimgħat il-pandemija laqtet il-partijiet kollha tas-soċjetà u kixfet beraħ il-vulnerabilità tal-bniedem f'dik li hi saħħa, xogħol u finanzi. Fl-istess ħin, l-esperjenzi li għaddejna minnhom urewna kemm niddependu minn xulxin u l-importanza tal-familja, tal-komunità u tal-ħbieb.

Spikkat mhux biss l-importanza tal-ħidma tal-ispeċjalisti u l-impjegati fil-qasam tas-saħħa u oħrajn meqjusa bħala *frontliners,* imma wkoll id-dipendenza tas-soċjetà fuq il-ħidma ta' kategoriji oħra ta' ħaddiema bħal dawk li ħadmu biex żammew postijiet pubbliċi nodfa u disinfettati, li wasslu xirjiet fid-djar u li stokkjaw lix-xkafef fil-ħwienet tal-merċa jew *supermarkets.*

Mhux anqas minnhom kienu dawk l-impjegati fil-qasam tas-servizzi soċjali li jduru bl-anzjani u persuni b'diżabilità,  li ħadmu anke b'sagrifiċċju biex jindokrawhom u jbiegħduhom mill-perikli tal-pandemija.

Kien hemm ukoll dawk fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u d-Diviżjoni tal-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza li mgħejjuna mill-impjegati tal-MITA u tal-Unit għall-Immaniġġjar tal-Informazzjoni, stinkaw biex ipproċessaw eluf ta' applikazzjonijiet biex f'qasir żmien tħallsu erba' benefiċċji speċjali li nħolqu biex jiġu mgħejjuna ħaddiema u ġenituri milquta mill-effetti tal-pandemija.

L-istess fuq quddiem kienu l-impjegati tal-Malta Enterprise li flew eluf ta' applikazzjonijiet oħra għall-iskemi li tniedew, fosthom il-*wage supplement,* biex in-negozji jibqgħu b'saħħithom u jitnaqqas il-periklu li ħaddiema jispiċċaw mingħajr impjieg.  Bil-ħidma tagħna lkoll flimkien ġew salvati madwar 100,000 impjieg.

*Ikompli fil-paġna li jmiss*



*Ikompli mill-paġna ta' qabel*

Kienet ħidma ta' suċċess u għaqda nazzjonali. Ta' resiljanza kollettiva. Ma jfissirx li l-battalja ntrebħet għal kollox għax sakemm ma jinstabx vaċċin kontra l-Covid-19 irridu nibqgħu attenti u nobdu l-pariri biex inżommu l-iġjene u d-distanza soċjali.

Kien żmien, iżda, li fuq kollox biddel il-ħajja li konna drajna ngħixu fiha, tant li issa li għaddiet l-emerġenza qed ngħixu dik meqjusa bħala normalità ġdida. Hawn min fil-fatt isostni li bħalma tmiem it-tieni Gwerra Dinjija nissel taqlib soċjali, hekk ukoll wara l-mewġa tal-Covid-19 ser ifaqqsu perċezzjonijiet u realtajiet ġodda. Tant li mexxejja Ewropej, fosthom il-President Franċiż Emanuel Macron, qed jisħqu li rridu ninqatgħu mid-drawwiet tal-imgħoddi u naħsbu kif ser infasslu u nsibu modi ġodda ta' kif ngħixu.

Bla dubju, it-teknoloġija ser tkun fil-qofol ta' dan it-tibdil. Fil-fatt il-pandemija tat spinta sew lill-użu tat-teknoloġija: biex naħdmu minn darna, biex nagħmlu kuntatt mal-għeżież tagħna, biex inwasslu t-tagħlim fid-djar tal-istudenti, biex niddivertu eżempju permezz tal-films u s-serje u biex nixtru online, mhux biss ħwejjeġ imma anke prodotti oħra bħal l-ikel.

Il-pandemija waqqgħet ix-xettiċiżmu fost mexxejja ta' azjendi privati dwar ix-xogħol permezz tat-teknoloġija 'l hinn mill-uffiċini u mill-impjegati tagħhom. Sabu li l-impjegati mhux biss baqgħu ffokati u produttivi, iżda wkoll kapaċi li jżidu fil-produttività. Minn naħa tagħhom ħafna mill-impjegati ħassewhom sodisfatti u pożittivi b'din l-esperjenza.



Il-kunċett tat-*teleworking* kien diġà aċċettat u mifrux sew fis-servizz u s-settur pubbliku. B'hekk kompla jinfirex sew tul il-pandemija u nbidel f'dak li jissejjaħ *remote working,* li fi ftit kliem tfisser li x-xogħol isir 'il barra mill-uffiċċju (mhux neċessarjament mid-dar).

Kif wieħed jistenna, meta s-servizz pubbliku fil-passat kien il-pijunier tat-*teleworking* f'pajjiżna, żgur li se jerġa' jkun protagonist u il-mutur biex imexxi 'l quddiem il-kunċett tar-*remote working*. Fil-fatt bħalissa għaddejja analiżi dettaljata ta' kif ħadem ir-*remote working* fl-aħħar xhur sabiex fix-xhur li ġejjin titfassal policy li tirregola l-użu tar-*remote working* fil-mod kif naħdmu u nagħtu s-servizz tagħna.

Din ser tkun realtà ġdida għax filwaqt li t-*teleworking* kien marbut mal-bżonn li l-ħaddiem jingħata ċ-ċans li jibbilanċja x-xogħol mal-familja u allura l-ħtieġa kienet aktar tal-ħaddiem li jaħdem mid-dar, ir-*remote working* imur lil hinn minn hekk u huwa wkoll ħtieġa tas-servizz u tal-pajjiż li wieħed jaħdem barra mill-uffiċċju għal diversi fatturi – soċjali, ekonomiċi u ambjentali fuq quddiem, kif ukoll minħabba żieda fl-effiċjenza. F'dan il-kuntest għalhekk iridu jitħarsu l-interessi tal-ħaddiema u li jkun hemm linja ċara bejn il-ħin tax-xogħol u l-ħin tal-familja u tar-rilassament.

Il-gvern jirrikonoxxi li aktar ma' tmur l-ekonomija ser tkun mixħuta aktar fuq it-teknoloġija diġitali u qed iħeġġeġ u jgħin lis-settur privat biex ma jibqax lura minn dan kollu, u barra li jkun aktar kompetittiv u jikber in-negozju, il-klijenti jkunu moqdija aħjar u aktar malajr.

Għax huwa fl-interess ta' kulħadd li jkollna, kemm settur pubbliku u kemm settur privat li jrendu u li jkunu effiċjenti.

# Intervista mas-Sa Denise Fiorentino,

## Direttur Ġenerali għar-Riċerka, Policy u Operat

**Tonio Bonello**
Editur Media u Corporate Communications Manager



**Fi Frar li għadda inti nħtart Direttur Ġenerali għar-Riċerka, Policy u Operat fi ħdan dan il-Ministeru. Ifisser li fir-responsabbiltà tiegħek issa għandek tlett direttorati; tas-Servizzi Korporattivi, tal-Iżvilupp tal-Policy u tal-Implimentazzjoni tal-Programmi. Kif qed tħares lejn dan l-impenn, tlett xhur wara l-ħatra - minn dak li sibt għal dak li trid jiġi mplimentat?**

Id-dimensjoni soċjali dejjem affaxxinatni u qatt ma bsart li se nkun qed nesperjenza dan daqshekk mill-qrib. Kif tista' tara minn dan l-irwol, il-ħidma tiegħi f'din id-Diviżjoni għanda l-għan li tipprovdi dak l-appoġġ neċessarju bl-għan li l-Ministeru jaħdem bl-aħjar mod possibli. Hemm ħafna opportunitajiet fil-kuntest ta' titjib tas-servizz fi ħdan is-settur soċjali, kemm internament u anke esternament. Flimkien mat-tim tiegħi, konvinta li se nkomplu naħdmu biex nagħmlu dik id-differenza fil-ħajja taċ-ċittadini tagħna.

**X'impatt għandu dan il-Ministeru bil-ħiliet tar-riżorsi umani tiegħu, kemm b'dak li jiġi propost lir-rappreżentanti tal-poplu (il-Parlament) f'kuntest ta' policies, però wkoll lejn is-soċjetà (the end user) bħala dik li qed tirċievi jew tistenna li tirċievi servizz?**

Id-dimensjoni soċjali tmiss il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin u għaldaqstant dan il-Ministeru għandu mpatt dirett fuq is-soċjetà. F'dan il-kuntest nara li l-Ministeru għandu responsabbilità sabiex jassigura kwalità ta' ħajja aħjar liċ-ċittadini tagħna u jagħmel mill-aħjar li jista' sabiex jilħaq l-aspettativi tan-nies.

**Kif anke komunikat mis-Segretarju Permanenti mal-ħatra tiegħek, joħroġ ċar kif prijorità ewlenija ta' din id-diviżjoni se tkun dik li nsaħħu l-qasam tar-riċerka fil-Ministeru li hi tant meħtieġa biex tgħin fit-tfassil tal-*policies* li jagħmel l-istess Ministeru minn żmien għal żmien. X'inhu l-qafas tal-pjan tiegħek bl-għan li din il-mira tal-Ministeru tidħol fis-seħħ u tħalli r-riżultati mistennija fix-xhur u s-snin li ġejjin?**

Nemmen bi sħiħ li dimensjoni ta' *policy* b'saħħitha hi bżonn jekk irridu nagħmlu differenza materjali fil-ħajja tan-nies. Flimkien mat-tim tiegħi bdejna naħdmu fuq qafas ta' dokument għall-viżjoni tal-iżvilupp fil-qasam tal-politika soċjali għas-snin li ġejjin. Dan il-qafas hu mistenni li jipprovdilna pjan li jgħinna nilħqu l-aspirazzjonijiet tas-soċjetà fiż-żmien li ġej .

*Ikompli fil-paġna li jmiss*



*Ikompli mill-paġna ta' qabel*

**Fi ħdan l-oqsma li jagħmlu parti minn din id-diviżjoni bla dubju jinstabu riżorsi umani b'esperjenza twila fil-qasam, b'għarfien akkademiku u b'ħiliet u kwalitajiet f'diversità ta' temi. Hu fil-ħsieb tal-pjan tiegħek li jkun hemm aktar diversifikar ta' dak li jista' joffri impjegat bħala riżorsa li, flok jibqa' jagħti servizzi fil-qasam esklussiv li fih jaħdem, bil-miżuri l-ġodda, id-diviżjoni kollha tkun qed tibbenifika u tagħmel użu mit-tali riżorsi?**

Hu fl-interess tagħna li nutilizzaw ir-riżorsi tagħna fil-massimu tagħhom fejn jidħol l-element uman. F'dan il-kuntest hi l-prijorità tiegħi li nagħmel l-aħjar użu minn din l-esperjenza sabiex niżviluppa aktar id-dimensjoni soċjali. F'dan ir-rigward, nemmen li għandu jkun hemm investiment fil-ħiliet tan-nies sabiex inkunu nistgħu naqdu dmirijitna b'mod aħjar u naġġornaw irwieħna għal bżonnijiet tal-klijenti tagħna.

**L-esperjenza twila tiegħek fl-oqsma amministrattivi bla dubju twassal lilek indikazzjonijiet ċari ta' fejn ninsabu aħna fid-diviżjoni rispettiva, però wkoll fejn jinsab l-istess Ministeru f'dawk li huma policies u l-loġistika li tmur magħhom meta mqabbla ma' strutturi simili ta' Ministeri bħal tagħna fil-kumplament ta' pajjiżi oħra sieħba tal-Unjoni Ewropeja. Fejn tassew ninsabu aħna? Fejn aħna għadna lura? Fejn aħna ninsabu fl-istess livell? Fejn aħna avvanzjana 'l quddiem? U kif dan it-tip ta' benchmarking jista' jgħin lilna lkoll, anke fit-tfassil tad-direzzjoni 'l quddiem ta' dan l-istess Ministeru?**

Naħseb li kull Ministeru u l-iStati Membri għandhom realtajiet differenti x'jindirizzaw u għaldaqstant naħseb li l-paraguni mhumiex relevanti. Minkejja dan, naħseb li bħala Ministeru neħtieġu nikkonsolidaw aktar id-dimensjoni ta' riċerka u policy bl-għan li nindirizzaw aħjar il-bżonnijiet tas-soċjetà tagħna, kemm dik preżenti, kif ukoll dik tal-futur.

# Staying Safely Connected

**Pauline Miceli**
Commissioner for Children

When COVID-19 struck, our world as we knew it changed overnight. Technology helped us adapt to a new virtual lifestyle. Children and educators experienced remote learning and teaching, many held virtual meetings from home. Video calls replaced meeting with family and friends. This meant that many children were spending much more time online than before. We started to appreciate more the outdoors and face-to-face interaction for a healthy lifestyle.

Now that things are moving towards a new normal, we need to support children more than ever to obtain the online/offline balance we spoke of many times before.

## Online Safety

As we all know it is not just children's screen time that may be of concern, but also the risks and challenges that always existed. Cyber-bullying, online predators and inappropriate content remain a threat to children's safety.

We should keep an open line of communication with the children in our care so as to keep abreast of how new apps are developing and how they are spending their time online such as knowing what apps they are using and what games they are playing.

Making an effort to try these apps and playing these games with them would be a good idea. In this way we can get a feel of what they are being exposed to. Ideally, one should discuss with children the best way to make them feel safe and protected online keeping in mind that children also need privacy.

Checking their messages and listening in to their conversations with friends would undermine their trust in you. We should not post photos of children without their permission or material which can upset them and make them feel ashamed.

It is never too early to speak to children about the risks that exist online. It is important to show respect to others and to explain the dangers that come with playing or communicating with people they don't know.

Remind them that hate speech is unacceptable. It is also important to discuss the digital footprint children leave online when they post or share things online. We tend to forget that once we post something online it is very difficult to maintain control of it.

When children are online they may also be exposed to material that is not appropriate for their age, this might startle and confuse them when they do not understand what is really happening. This can be prevented by checking age ratings on games, apps and movies. However, children can sometimes come across such material unintentionally, and so it is important to encourage them to speak up when they find themselves in difficulty without fear of what the repercussions may be.

Children learn mostly by imitating what they see, therefore it is extremely important to be aware of our own actions and behaviors in order to be positive role models.

The Office of the Commissioner for Children forms part of the **BeSmartOnline!** Initiative. For help and support regarding online safety you may contact the **Supportline 179.**



# Intervista
# Dr Josianne Cutajar

Kap Eżekuttiv SVP

## FEATURE SPEĊJALI
**dwar kif kien ippreparat u kif ħadem SVP matul il-COVID-19**

**Tonio Bonello**
Editur Media u
Corporate Communications
Manager

**Għaddew diversi xhur minn meta pajjiżna u d-dinja qamu maħsuda bl-aħbar li fostna għandna virus qattiel u li jinfirex faċilment. Naf li l-Gvern Ċentrali kien pro-attiv u ta l-akbar importanza bl-għan li din l-imxija ma toħloqx straġi f'pajjiżna. Meta daħlu fis-seħħ l-ewwel azzjonijiet dwar il-COVID-19 fir-residenza San Vinċenz De Paule u x'kienu jinkludu dawn l-azzjonijiet?**

Il-covid ġabet esperjenza staordinarja ġewwa San Vinċenz. Esperjenza ta' ħidma intensiva fuq livelli diversi. Fuq livell aministrattiv wieħed kien qed jgħix ta' kuljum sfidi kbar fejn irridu jittieħdu d-deċiżjonijiet. Deċiżjonijiet biex jintagħżlu dawk il-miżuri li l-iżjed li konna qed naħsbu li jkunu effettivi.

Ġewwa SVP għandna dak il-grupp tal-popolazzjoni Maltija l-iktar vulnerabbli. Dawk l-anzjani l-iktar vulnerabbli fil-pajjiż allura kienu fl-akbar riskju. Aħna konna ilna nosservaw min ftit xhur qabel l-effett li kien qed iħalli dan il-virus fuq dan it-tip ta' nies, jiġifieri meta qed titkellem fuq anzjani u b'mod partikolari, dawk b'mard kroniku.

Allura aħna kellna ftit tax-xhur forsi qabel pajjiżi oħra, nidħlu mill-ewwel għal ħidma u biex isiru l-pjanijiet neċessarji. Qabel mal-Covid-19 daħal Malta, San Vinċenz kellu diġà l-pjan tal-kontinġenza tiegħu. Pjan li fih rajna kif jekk dan il-virus jidħol f'Malta u speċjalment jekk dan jidħol ġo San Vinċenz, kif aħna ħa nkunu ppreparati biex inkomplu nħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-anzjani tagħna, anke jekk imbagħad ikollna każijiet kif dawn se jiġu kkurati.

Kien hemm Homes fejn għamlu *lockdown* imma f'SVP fejn għandek 1,800 ħaddiem forsi dik l-azzjoni ma kinetx vijabbli. Imbagħad kellek miżuri ukoll x'tagħżel fir-riżorsi, jiġifieri min fejn se ġġib riżorsi biex tissostenixxi l-pjan ta' kontinġenza li għandek. Ma' dawn, għandek il-ħaddiema u l-*health care workers* li b'dawn il-miżuri u l-pjanijiet li tkun għażilt, irridu jkunu fi stat li jistgħu jwettquhom.

Dħalna f'ħafna miżuri ta' taħriġ biex il-ħaddiema jkunu aġġornati f'ħiliet dwar *infection control* u anke biex jaddattaw rwieħhom għal ċirkustanzi dwar operat ta' prattiċi ġodda ta' kif jaħdmu fis-swali tagħna.

Kien żmien ta' sfida però kif spjegajt, il-pjan ta' kontinġenza kien diġà maħdum u pjanat qabel ma wasal il-Covid-19 f'Malta biex b'hekk kif daħal l-ewwel każ f'Malta fis-7 ta' Marzu, SVP kien mill-ewwel pront u vara l-pjan tiegħu.



Il-pjan kien fuq livelli diversi. Konna diġà ħloqna swali fejn is-sodod kienu vojta biex dawn iservu bħala *Isolation Areas*. SVP f'dan il-kuntest inqasam fuq żewġ livelli. Il-livell imsejjaħ *Covid Area,* f'dan il-livell kellek swali speċjalizzati biex jindukraw il-każi pożittivi.

Kellna wkoll sala msejħa Kwarantina biex dawk il-pazjenti li kienu joħorġu minn SVP għal xi kura fl-isptar Mater Dei, meta jirritornaw lura jgħaddu żmien ta' kwarantina fiha qabel jerġgħu jirritornaw fis-sala tagħhom. Ma' dawn imbgħad kellna s-swali normali.

Bħala zona għal Covid-19 kien identifikat il-kumpless Rużar Briffa għax dan storikament ukoll kien dik il-parti ta' SVP li dejjem ikkurat nies b'mard infettiv. Fosthom il-marda tal-lebbrużi, il-pesta, kif ukoll kien l-isptar fejn ikkuraw il-mard tas-sider aktar kmieni f'nofs is-seklu għoxrin meta kien hawn il-marda tat-TB ġewwa Malta. Però dan anke għax il-faċilità Rużar Briffa hi maqtugħa għaliha.

Apparti z-zoni ddentifikati bis-sodod lesti vojta, ried ikollna gruppi speċjali ta' ħaddiema ġewwa SVP imqassma f'dawk li sejjaħnilhom *Covid Teams*. Dawk kienu se jagħtu l-kura lil anzjani li jispiċċaw pożittivi. *Teams* oħrajn baqgħu jindukraw b'mod regolari l-anzjani fis-swali tagħna. Hemm, għal darba oħra ridna riżorsi ta' taħrig u kellna ċ-Ċentru ta' Taħriġ tagħna li b'mod iktar intensiv għamel dak it-taħriġ speċjalizzat, kemm lill-*Covid Teams* u anke lill-ħaddiema kollha fis-swali.

Tajna wkoll taħriġ lill-ħaddiema li mhux soltu jaħdmu fis-swali (aħna ngħidulhom in-*non clinicals*). Fost dawn, lill-ħaddiema tat-transport, tal-manutenzjoni, u l-enġiniera għaliex wara kollox dawn ukoll riedu jidħlu fis-swali u jagħtu s-servizzi meħtieġa.

Fattur ieħor tal-pjan tal-kontingenza kien l-użu tal-lbies protettiv u anke apparat mediku u speċjalizzat biex nieħdu ħsieb dawn il-każijiet. Fil-fatt, fiċ-Ċentru Rużar Briffa sar titjib sostanzjali fl-arja ventilata, fis-sodod u saħansitra fil-binja nfisha strutturalment biex inħolqu kmamar ta' iżolament. Ta' min jgħid li f'Ċentru Rużar Briffa kellna mitt  sodda li kienu preparati apposta biex jilqgħu persuni nfettati bil-Corona Virus.

Sar ukoll investiment sostanzjali, f'xiri ta' apparat mediku speċjalizzat bħal *oxygen concentraters,* sodod tal-elettriku, magni li jiffumugaw u magni tal-arja li jbiddlu l-istess arja b'mod aktar spiss. Irrid ngħid li dan kollu

*Ikompli fil-paġna li jmiss*



*Ikompli mill-paġna ta' qabel*

kien possibbli bl-għajnuna anke tal-Ministeru u tas-Segretarjat biex il-Pjan ta' Kontinġenza f'SVP seta' jiġi attwat.

**X'kienet l-ewwel reazzjoni tal-anzjani residenti meta semgħu b'dan il-virus, u li issa kellhom jimxu skont struzzjonijiet ġodda?**

L-anzjani, fil-parti l-kbira tagħhom ikkoperaw u fehmu s-sitwazzjoni tal-pajjiż. Dawn mis-swali tagħhom bdew anke jsegwu l-aħbarijiet fuq it-televiżjoni, jiġifieri dak li kien qed jiġri f'Malta u f'pajjiżi oħra. Ma kellniex reżistenzi jew xi pressjoni min naħa tar-residenti. Anzi, nikkonferma li r-residenti kkoperaw ħafna magħna u dejjem żammew mal-istruzzjonijiet u l-miżuri li kellna nintroduċu.

Però kellek sezzjoni ta' anzjani, speċjalment dawk bid-dimenzja li f'dawn iċ-ċirkustanzi ma fehmux għaliex forsi l-familjari tagħhom ma setgħux jiġu jżuruhom. Hemmhekk ippruvajna nimmitigaw billi daħħalna servizzi bħal telefonati bi *Skype Calls,* faċilità li għenet ħafna biex il-kuntatt bejn ir-residenti u l-familjari tagħhom baqa' ħaj u kontinwu min ġimgħa għal oħra. Ma kien hemm l-ebda restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet biex isiru dawn il-*calls* u dan il-fattur għen ħafna.



**Nifhem li kien hemm bosta anzjani li dawn soltu jżuruhom qraba jew ħbieb tagħhom. X'kienet ir-reazzjoni ta' dawn, u allura anke tal-istess anzjani partikolari meta wassaltulhom l-aħbar li għalissa ma setgħux jaraw aktar lil xulxin fiżikalment?**

Kienet tbatija għall-anzjani tagħna speċjalment meta kellna nwaqqfu l-attivitajiet, jiġifieri li d-Day Centre għar-residenti kellu jagħlaq, li d-Day Centre tad-Dimenzja kellu jagħlaq, li l-attivitajiet li jsiru barra speċjalment fi żmien ir-rebbiegħa ta' ħruġ kuljum għal dawn l-anzjani kellhom jiefqu ħesrem. U li allura l-anzjani kellhom jibqgħu fis-swali tagħhom tul dawn ix-xhur kollha.

Però nista' ngħid li sibna kooperazzjoni u nistqarr li waqt li fuq livell ta' kura medika kellna suċċess kbir però fuq livell ta' emozzjoni u trawma emozzjonali u psikoloġika hemmhekk iva inħasset u kienet taqta' b'sikkina.

Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil ħaddiema tagħna għaliex daħlu fiż-żarbun tal-familjari u dawn imlew il-ħajja tal-anzjani tagħna fis-swali billi għamlu dik l-*added value* fejn apparti x-xogħol ta' kuljum li jagħmlu mal-anzjani tagħna bdew jagħmlu attivitajiet fis-swali u bdew iqattgħu iżjed ħin mal-anzjani, jagħmlulhom l-*Skype* huma stess biex jimlew il-vojt tan-nuqqas tal-familjari.

**L-appell tiegħek għal bosta li għandhom sehem f'din il-bidla sħiħa li kellha ssir f'daqstant qasir żmien f'SVP. Jiġifieri (a) L-amministrazzjoni u l-impjegati, (b) l-Ispeċjalisti u l-Professuri li jinvistaw minn barra r-residenza, (c) l-Anzjani residenti, (d) il-familjari, qraba u ħbieb tal-istess anzjani? Il-messaġġ tiegħek lejhom?**

Naħseb li qedgħin fi stat li m'hemmx għalfejn nagħmel appelli, anzi qedgħin fi stat li ngħid grazzi, grazzi u grazzi. Is-suċċess li kien hawn f'SVP kien mertu tal-ħaddiema kollha, mill-amministrazzjoni għall-ħaddiema fis-swali li jagħtu servizzi anċillari u ta' sapport ġewwa din ir-residenza.

Irrid ukoll nirringrazzja b'mod speċjali l-Onor. Ministru Michael Falzon, is-Segretarju Parlamentari, l-Onor Silvio Parnis, u lis-Segretarju Permanenti is-Sur Mark Musu li kienu magħna tul din il-mixja kollha.

Kienu hemm biex fejn aħna ma naslux bir-riżorsi, kienu ta sapport huma għalina u għenuna biex id-deċiżjonijiet kollha li ħadna kienu effettivi. Il-ħaddiema kkoperaw u anke nixtieq nagħti Grazzi Kbira lil familjari u lill-klijenti tagħna għax kważi nista' ngħid li fl-ebda mument ma kellna xi pressjoni żejda. Grazzi lkoll li qsamna u għaddejna minn din l-esperjenza flimkien u li rnexxielna noħorġu minna bl-unuri.

# Lejn Standards Soċjali Regolatorji...

## għal servizzi ta' vjolenza domestika residenzjali u fil-komunità



**Matthew Vella**
Kap Eżekuttiv SCSA

Bħala parti mill-pjan ta' ħidma fil-qasam ta' regolamentazzjoni ta' servizzi ta' wens soċjali, l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali ser tniedi għall-konsultazzjoni pubblika, standards soċjali regolatorji għal servizzi ta' vjolenza domestika bbażati fil-komunità kif ukoll dawk residenzjali.

Dawn il-linji gwida ġew stabbiliti b'fażijiet ta' riċerka u konsultazzjoni wiesgħa mad-diversi partijiet involuti f'dan is-settur inkluż mal-Ministeru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza, kif ukoll mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika. Dan sabiex tingħata gwida lil provdituri tas-servizz dwar id-deċiżjonijiet relatati mal-għażla tal-ħaddiema speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' kompetenzi kif ukoll mal-mod ta' kif għandhom jitmexxew dawn is-servizzi.

Għaldaqstant, dawn l-istandards soċjali regolatorji jserrħu fuq il-prinċipji bażiċi msejsa fuq id-dinjità, l-privatezza, id-dritt għal għażla, sigurtà, twettiq tal-potenzjal, ugwaljanza, diversità u individwalità. Dawn il-prinċipji għandhom jiġu mħarsa ukoll f'konformità mal-filosofija u l-proċeduri tas-servizz kif ukoll il-bżonnijiet ta' ħarsien ta' kull individwu.

F'dan ir-rigward, l-ewwel żewġ standards jpoġġu enfasi fuq l-proċeduri ta' intervent, li għandhom jassiguraw proviżjoni tas-servizz b'mod ġust, trasparenti u komprensiv sabiex jiġu indirizzati bżonnijiet differenti. Apparti minn hekk, l-proviżjoni tas-servizz għandha tiggarantixxi t-tfassil ta' pjan personali ta' sapport bbażat fuq valutazzjoni ħolistika mwettqa għal kull individwu li jagħmel użu mis-servizz.
Dawn l-istandards ikomplu jevolvu lejn il-promozzjoni ta' drittijiet li jassiguraw li individwi li jesperjenzaw vjolenza domestika jkollhom ħarsien rispettuż u dinjituż li jħares b'mod sħiħ il-ġustizzja soċjali u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. B'dan il-mod ikun qed jiġi żgurat li l-awtonomija, benesseri u intolleranza totali għal vjolenza ta' kwalunkwe tip jiġu promossi.

Għaldaqstant, dawn l-istandards jpoġġu 'l quddiem ukoll id-drittijiet li jassiguraw li l-provdituri tas-servizz għandhom jimplimentaw sistemi li jiggarantixxu saħħa u sigurtà tal-persuni li jesperjenzaw vjolenza domestika u l-impjegati li jaħdmu f'dan il-qasam.

Ta' min isemmi ukoll, li dawn l-istandards jassiguraw li l-provditur tas-servizz għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji dwar il-protezzjoni tad-data meta jiġi biex juża, jipproċessa, iżomm u jqassam informazzjoni kunfidenzjali dwar persuni li jesperjenzaw vjolenza domestika.

Apparti minn hekk, permezz ta' dawn l-istandards soċjali regolatorji qed jiġi assigurat ukoll li l-provditur tas-servizz għandu jidentifika u jsostni relazzjonijiet sinifikanti għall-persuni

*Ikompli fil-paġna li jmiss*

*Ikompli mill-paġna ta' qabel*

li esperjenzaw vjolenza domestika u jiġi assigurat li ma jkunux esposti għal riskji bla bżonn.

Dan għandu jsir filwaqt li jkun hemm kollaborazzjoni ma' entitajiet esterni sabiex jiġu stabbiliti sħubiji effettivi sabiex jiġi ppreservat id-dritt tal-individwi li jagħmlu parti minn sistema ta' servizz integrat.

Fl-istess waqt dawn l-istandards jisħqu li l-maniġment u l-istaff għandhom ikunu responsabbli biex jagħtu sapport u ħarsien ta' kwalità bl-aktar mod rispettuż u trasparenti filwaqt li jkompli jitjieb l-iżvilupp personali u professjonali tagħhom permezz ta' sapport u gwida.

Dawn l-istandards soċjali regolatorji jkomplu jpoġġu lill-persuni vulnerabbli fiċ-ċentru tar-regolamentazzjoni, speċjalment sabiex jiġi assigurat li l-aħjar interess ta' dawn il-persuni qiegħed jintlaħaq.

Dan filwaqt li bħala Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali nkomplu bil-ħidma tagħna ukoll mal-maniġment u l-professjonisti li qed jagħmlu xogħol imprezzabbli ma' dawn il-persuni.



# Donazzjoni tal-organi

## Irreġistra x-xewqa tiegħek

- Ħu vantaġġ mill-ħin li s-sitwazzjoni preżenti ħolqot u rreġistra x-xewqa tiegħek rigward id-Donazzjoni tal-Organi
- Idħol onlajn fuq www.organdonation.gov.mt
- Ċempel lid-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa fuq 25953324 jew 25953326 biex nibgħatulek formola bil-posta

**NIRRINGRAZZJAWK**

Healthcare Standards Directorate

# Challenges and responses to COVID-19 in our Care Homes for the Elderly and Community Care Services

**Matthew Mangion**
Chief Nursing Manager AACC

There is no doubt that we lived through unprecedented times, as the Health and Care systems in our islands faced huge challenges in battling the COVID-19 pandemic. In our Care Homes and in the Community, there was enormous pressure to act quickly to protect our vulnerable elderly residents and clients in the community.

Key to preventing an outbreak were the controlling measures that were put in place very early on, in the local spreading of the disease. The decision to stop all visits in the Homes was difficult for all concerned - residents, families and staff members, and posed further hardship in these testing times.

Community services were reduced and only those urgent and essential services were carried out. However, it was imperative to protect our vulnerable elderly population.

We worked very closely with the Public Health Authorities and Infection Control Unit at MDH to ensure that enhanced infection prevention and control measures were in place.

The health and safety of our staff was paramount, not only for their own protection but also to help prevent the spread of the virus and to improve overall care.

Rapid access to and top up of Personal Protective Equipment known better as PPEs was a priority. Indeed, this was not an easy task given the national and worldwide demand for these supplies. We also needed to ensure appropriate staffing levels to perform caring activities, and to monitor the residents and clients health status.

Guidelines were developed to help everyone stay safe and healthy in a working environment that changed significantly because of the COVID-19 pandemic.

The Nursing Department embarked on a comprehensive training programme to ensure that all staff had the required skills to tackle the demands imposed on them.
Regular testing of staff was undertaken, as well as swabbing of residents who showed any symptoms, so that immediate action could be taken if anyone tested positive. Surveillance and vigilance became our motto!

In order to ease the psychological impact for our residents and the pain of separation from their loved ones, staff did their best to assist the residents to keep contact with their family members through video chats and telephone calls. They also organized in-house activities to brighten up the day.
In the peak of the crisis and given the limitations of social distancing, on the 12th May 2020 we also managed to celebrate Nurses' International Day to show our gratitude to nurses and healthcare workers. This was a special occasion as it marked the bicentenary of Florence Nightingale's birth, the founder of modern nursing.

The response to the COVID-19 crisis has shown examples of teamwork, collaboration, dedication and resilience of our nursing and caring staff in the face of such adversity.

Indeed, we can say with pride and confidence that we have had a success story, especially when compared to other countries that were brought to their knees and suffered so much sorrow with high mortality rates in the Homes for the Elderly.

To all staff, residents, families and support workers - Kuraġġ u Grazzi mil-Qalb!





# New Assistive Technology Service within Aġenzija Sapport

**Aġenzija Sapport**
Professional Development Centre

As part of its myriad of services, Aġenzija Sapport has recently incorporated the service offered by the Access to Communication & Technology Unit (ACTU).

This is a consultative service which is designed for children under the age of 16 years. It consists of two services: Augmentative and Alternative Communication (AAC) and Electronic Assistive Technology (EAT) which are given by Speech and Language Therapists (SLTs) and Occupational Therapists (OTs) specialise in these areas.

The aim of this service is to support the child's communication, skill development, independence, quality of life, and to provide better access to education and participation in society. The AAC service is consequently designed to support children who present with Complex Communication Needs (CCN).

The team, through assessments, training and recommendations on specialised equipment, aid students to solve issues faced in their day-to-day activities and social interactions. If a child is encountering difficulties to access a computer / mobile / tablet or other device, both at home or at school, the Occupational Therapists and Speech and Language Therapists at ACTU will provide alternative ways of using such equipment and customisation of devices.

This is determined through assessment of: hardware *(if a device is being considered),* vocabulary software access *(e.g. switching, direct access, eye gaze)* positioning/mounting symbolic system low tech systems, and unaided systems.

The child will have an opportunity to try out different AAC systems and devices according to the outcomes of the assessment, which involves a feature-matching model where the strengths of the child are matched to the AAC system/device which best fits the child's needs and environment.

Children with significant physical disability, predominately in the upper limbs, may find tasks such as writing and using the computer difficult. The Electronic Assistive Technology (EAT) service provides an assessment to identify solutions for alternative access to the computer and the identification of literacy based software that will facilitate the task of writing. This involves assessing the following areas: hardware *(laptop, tablet)* access method *(specialised keyboards, switches, voice recognition, alternative mice, touch screen, keyguards etc.)* and software *(games for leisure, literacy software, social media etc.).*

For very young children, the team recommend solutions that will enable them to access toys and thus support the development of play skills. The EAT service also provides assessments for environmental control to enable the child to gain control over their environment. This may include operating a fan, mobile phone, TV, and appliances such as a food blender, thus empowering the children to be included and independent in all environments, be it at home, at school and in the community.

Recognising the needs and the benefits obtained by such communication devices and their empowering results, the team also provides several training sessions to other professionals and to the child's family to promote and enhance skills in order to continue supporting persons with disabilities in the use of such high technology devices.

AĠENZIJA SAPPORT

More information on this service may be found on Aġenzija Sapport website

**www.sapport.gov.mt**

or by contacting the team via email on

**actu.sapport@gov.mt**

or call on

**2165 3938**

# Il-Ħidma tal-Kummissjoni tal-Anzjani



**Dr. Mary Vella M.D. MMCFD**
Kummissarju tal-Anzjani

Nibda biex ngħid li r-rwol tal-Kummissarju tal-Anzjani ġie stabbilit taħt l-Att tal-Kummissarju tal-Anzjani, Kapitlu 553 tal-Liġijiet ta' Malta fil-15 ta' Ottubru 2016 bis-setgħa li jippromwovi u jissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi tal-anzjani.

Hija għalhekk Kummissjoni relattivament ġdida u jiena t-tieni Kummissarju tal-Anzjani, u ġejt maħtura f'din il kariga f'April tas-sena l-oħra.

Bħala Kummissarju, l-irwol tiegħi jiċċirkola mal-promozzjoni tal-ġid tal-anzjani, kif ukoll il-ħarsien tal-kundizzjonijiet tal-anzjani biex ikunu jistgħu jgħixu ħajja aħjar.

Dan ifisser illi bħala Kummissjoni naraw li d-drittijiet tal-anzjani jiġu mħarsa, nippromwovuhom, ngħinu biex isiru miżuri biex dawn id-drittijiet jinġiebu 'l quddiem u nistabillixxu anke standards biex jiġu applikati minn dipartimenti, aġenziji eċċ, sabiex proċessi interni tagħhom ikunu wkoll qed jittieħdu bil-ħsieb ta' kif dawn ser jolqtu lill-anzjani.

Dan kien rwol ġdid għalija. Qabel ġejt maħtura f'din il-kariga jiena servejt bħala tabiba tal-familja għal 40 sena u għamilt żmien ukoll naħdem bħala tabiba fil-qasam tas-Saħħa Pubblika.

Inħossni onorata li ġejt maħtura f'dan ir-rwol u għalkemm f'dan l-istadju l-prijorità tiegħi hi li nibni Kummissjoni bl-aħjar tim possibbli u nlestu post addattat minn fejn nistgħu naħdmu, jien qegħda nagħmel ħilti biex nuża dan ir-rwol bl-aħjar mod possibbli u dejjem kif tippermetti l-liġi għal ġid tal-anzjani kollha ta' Malta u Għawdex.

Waħda mill-aktar sfidi mportanti li qed taffaċċja s-soċjetà maltija hija ż-żieda fil-popolazzjoni tal-anzjani, riżultat ta' rati aktar baxxi ta' fertilità u mortalità. Din hija konsegwenza inevitabbli frott ta' livell ta' għixien aħjar, flimkien ma' avvanzi fil-kura tas-saħħa, servizz tas-saħħa li huwa faċilment milqugħ minn kullħadd u fiż-żamma ta' indipendenza u awtonomija iżjed tard fil-ħajja.

Statistiċi mill-Uffċċju tal-istatistika ta' Malta juru li 'l fuq minn 20%, tal-popolazzjon ta' Malta huma 'l fuq minn 65 sena u huwa għalhekk importanti li naħdmu flimkien mal-istakeholders kollha konċernati biex inkomplu bi kwalunkwe mod possibbli nippromwovu u nissalvagwardjaw l-interessi tal-anzjani kollha u ntejbu l-livell tal-għixien tagħhom. Dan filwaqt li nżommu bħala gwida l-prinċipju ġenerali li l-aqwa interessi tal-anzjani u tal-familjari tagħhom jiġu l-ewwel u qabel kollox.

Jien qegħda naħdem biex il-kummissjoni isservi ta' pjattaforma għal kull anzjan u anzjana sabiex jilħaq il-potenzjal kollu li jixraqlu, u biex l-anzjani tagħna jkollhom id-dinjità u l-ispazju kollu li jixraqilhom biex jgħixu ma u kif tgħix il-kumplament tas-soċjetà mingħajr ebda diskriminazzjoni dwar l-età.

Biex inkunu aktar speċifiċi qegħdin nimxu mal-Att dwar il-Kummissarju għall-Anzjani - Kapitlu 553 u qed nimxu wkoll mal-Istrateġija Nazzjonali għal Anzjanità Attiva, li mhux talli taħdem kontra d-dipendenza fix-xjuħija, imma tippromwovi bis-saħħa sens ta' empowerment fost l-anzjani.

Ħidma oħra hi li nedukaw u noħolqu aktar għarfien dwar suġġetti li l-aktar

jolqtu lill-anzjani. Għal din ir-raġuni, bħala Kummissarju ħadt sehem fuq diversi programmi tat-televiżjoni u r-radju fejn tkellimna fost oħrajn dwar is-solitudni u kif nistgħu ngħelbuha.

Tkellimna wkoll dwar l-abbuż fuq l-anzjani u kif u fejn wieħed għandu jfittex l-għajnuna. Tkellimt ukoll dwar il-benefiċċji psikoloġiċi tal-parteċipazzjoni soċjali. Dan waqt li komplejna ninkoraġixxu stil ta' ħajja attiva u sana għax aktar ma jkun hemm nies li jibqgħu f'tagħhom u f'saħħithom għal aktar snin, aktar se jkomplu jkollhom rwol importanti meta jagħtu kontribut fil-familja, fis-soċjetà u fil-pajjiż.

Barra minn hekk, meta nies akbar fl-età jkomplu b'dawn il-kuntatti soċjali u hawn insemmu anke l-kontribut siewi u imprezzabbli li joffru nies fil-volontarjat u nanniet, psikoloġikament dawn se jħossuhom aħjar u l-kwalità tal-ħajja b'hekk titjieb għax dak li jkun iħossu li huwa bżonnjuż, iħossu li għad għandu x'joffri u għalhekk għad għandu skop fil-ħajja.

Aħna naħdmu u nikkollaboraw ukoll ma' entitajiet oħra nvoluti fil-kura u l-qasam tal-anzjani biex flimkien nassiguraw li anzjani tagħna jieħdu l-aħjar trattament possibbli.

Irridu li Malta tkun pajjiż fejn ir-rispett għad-drittijiet u d-dinjità tal-anzjani tkun realtà f'kull qasam tal-ħajja. Jiena nemmen f'soċjetà fejn kullħadd hu trattat l-istess f'kull aspett mingħajr ebda diskriminazzjoni u għalhekk flimkien mal-istakeholders kollha kkonċernati qegħdin naħdmu u nanalizzaw bl-aħjar mod possibbli biex inkomplu ntejbu fuq dak li diġà hemm u dak li diġà sar fl-aħħar snin bl-għan biex flimkien inkunu ta' servizz u sostenn għall-anzjani tagħna kollha.



## Korona Kattiva

Dħalt bħal klandestina
Minn art barranija
Teqred u tirvina
Tnigges mija, mija

Tinfetta, katina
Min wieħed għal tnejn
Iddur u ttir fl-arja
U tniggeż l-idejn

Tfajt seħta fid-dinja
Bikkimt lil kullħadd
Kaxkart gozz il-qabar
w'ma ħfirta lil ħadd

Ħallejt min hu dgħajjef
Mal-ħajja jilgħaba
Ħallejtu jmut waħdu
Bla jara lil qraba



Sakkart lin-nies ġewwa
l-iskejjel weqfin
It-tobba imkissra,
nfermiera għajjenin

Pajjiżi sħaħ wieqfa
riżorsi moħlija
Tfajt bosta snin lura
lill-ekonomija



Taħsibx li rbaħtilna!
ja virus bla qalb
għax żdidna fit-tama,
u żidna fit-talb.

U żdidna fl-imħabba,
għalkemm mifrudin
u bqajna nitkellmu
U nħobbu 'l xulxin

Rajna ċ-ċokon tagħna
u l-kobor ta' Alla,
li minuta waħda
lilna qatt ma ħalla

U issa ibqa' sejra
w' ħallina fis-sliem
Korona Kattiva
fittex sib it-tmiem.



**Christine Agius**
Supervisor, Human Resources Unit SVP

# Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Policy u l-Implimentazzjoni tal-Programmi

## il-pont bejn il-Ministeru u l-istituzzjonijiet Ewropej u Internazzjonali




**Jonathan Silvio**
Direttur Policy Development and Programme Implementation


Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Policy u l-Implimentazzjoni tal-Programm (PDPID) għandu l-għan prinċipali li jfassal il-pożizzjoni tal-Ministeru fuq livell Ewropew u Internazzjonali u li jagħti direzzjoni fit-tfassil ta' dokumenti ta' policy u strateġiji. Dan, waqt li fl-istess ħin jikkoordina l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' proġetti u programmi kofinanzjati mill-UE li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Ministeru.

Sabiex jagħmel dan, id-Direttorat jikkonsulta ma' esperti fid-Direttorati l-oħra fi ħdan il-Ministeru, l-Aġenziji u l-Entitajiet , kif ukoll Ministeri oħra. Id-Direttorat jikkoordina wkoll it-tweġibiet f'isem il-Ministeru meta jsiru talbiet mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej li joriġinaw minn organizzazzjonijiet barranin bħan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa, u l-Kummissjoni Ewropea, fost l-oħrajn.

Funzjoni oħra importanti tad-Direttorat hi li jwettaq il-monitoraġġ f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tad-diversi proġetti, miżuri tal-baġit, u inizzjattivi addizzjonali oħra, li jappartjenu lill-Ministeru.

Matul il-perjodu 2014-2020, il-Ministeru qed jikkoordina diversi proġetti li qed jagħmlu d-differenza fil-qasam soċjali. Wieħed minn dawn il-proġetti hu *'ESF. 02.063 - Knowledge, Training, Communications and Support Measures in Support of Vulnerable Groups',* proġett iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew.

Permezz ta' dan il-proġett, diversi inizjattivi ġew varjati, fosthom taħriġ lokali u internazzjonali lill-professjonisti li jaħdmu ma' persuni vulnerabbli u kampanja ta' għarfien għall-pubbliku fuq il-kapaċitajiet finanzjarji.

Id-Direttorat huwa responsabbli wkoll mill-monitoraġġ ta' proġetti kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, fosthom *'REACH: Fair and inclusive society that promotes and advocates independent living and employment,'* u *'Investing in an energy efficient system for St Vincent de Paul Residence'* li qed jiġu implimentati mill-Aġenzija Sapport u mir-residenza San Vinċenz de Paul rispettivament.

Proġett ieħor li ġie implimentat riċentement kien dak bl-isem ta' *'The Meeting Place'*. Id-Direttorat hu responsabbli wkoll mill-monitoraġġ ta' proġetti kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropej fosthom *'INK: Person-focused inclusion project'* li qed jkun implimentat mill-Aġenzija Sapport u l-proġett *'OK – Opportunity Knocks (PDP2)'*, proġett kofinanzjat mill-Għotjiet taż-Żona Ekonomika Ewropea u n-Norveġja, li qed ikun implimentat mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali.

Fl-edizzjonijiet li ġejjin tar-rivista 'Familja', ser ikollna l-opportunità li ninfurmawkom f'aktar dettall dwar il-kisbiet ta' dan id-Direttorat. Għal aktar tagħrif, wieħed jista' jżur il-paġna tad-Direttorat fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru: https://family.gov.mt/en/Permanent-Secretary/pdpid/Pages/defaultMT.aspx.

# What are the EU Social Security Coordination rules ...

## and how do these apply to me?

In this series of Articles, we will provide more specific information on each benefit covered by the EU coordination rules. The previous article outlined the provisions for sickness benefits in kind and in cash. This Article will provide more information on pensions.

A person who during his/her working life, worked in more than one EU Member State, may be eligible to claim a pension (Old-Age, Invalidity or Survivor's) from each of these countries.



### Which country pays the pension?

In each country, the insurance record is preserved until the person reaches the pensionable age. Every country where a person has been insured for at least one year will pay an old-age pension, when the person reaches its national pensionable age.

For example, if a person worked in three countries, he/she will get three separate old-age pensions.

### How is the pension calculated?

The pension will be calculated according to the insurance record in each country: the sum payable from each of these countries will correspond to the length of person's social security coverage in that country. Once awarded, the person will receive a Summary note (document P1) which will provide an overview of the decisions made by each country.

### In which country should a person apply?

Even if a person worked in several countries, the pension application for each country should be lodged in the country of residence. The only exception is when the person never worked in the country of residence. In that case, the application should be lodged in the country of last employment.

### Differences in retirement ages

The retirement age across the EU countries varies considerably. A pension from the country of residence or employment will be payable once the person reaches the legal retirement age in that country. If a person accumulated pension rights in other countries, those parts of pension rights will be payable once the person reaches the legal retirement age in those countries. Therefore, there might be a gap in the payment of all the pension entitlements accumulated during the years.

### Retiring abroad

The pension entitlement is payable in any European Member State (EU 27 + Iceland, Liechtenstein, Norway, Switzerland or the United Kingdom) in which a person resides. The Regulations in fact provide for the principle of exportability.

### Other pensions

In general, the rules which apply to Old-Age pensions also apply to Invalidity pensions and to pensions for Surviving spouses or orphans.

For more information you may visit the Europa Website on: **https://europa.eu/youreurope/citizens/work/retire-abroad/state-pensions-abroad/index_en.htm**

**Karen Farrugia**
Manager II (Research)
International Affairs

# Which country has the most generous deal?

## Corona Virus bailouts

**Sors:**
BBC 8 May 2020

Coronavirus shutdowns around the world have pushed countries into crisis-mode, prompting a massive rescue spending in an effort to soften the blow from what is expected to be the worst economic contraction since the 1930s.

As of 7 April, countries around the world had approved more than $4.5tn worth of emergency measures, according to the IMF. That figure has only grown in the weeks since.

So how do the responses compare?

### New spending

Columbia economics professor Ceyhun Elgin has been working with colleagues around the world to track the responses in 166 countries.

By his calculations, Japan's response has been among the most aggressive, with a spending package estimated at roughly 20% of the country's economy. (It is topped only by Malta, which benefits from European Union funds.)

That compares to rescue spending estimated at roughly 14% of GDP in the US, 11% in Australia, 8.4% in Canada, 5% in the UK, 1.5% in Colombia and 0.6% in Gambia.

But that ranking looks different if measures beyond spending, such as central bank actions, are considered.

In the biggest European countries, for example, government pledges to guarantee new loans provided to businesses hurt by the shutdowns - a move meant to keep banks lending and stave off bankruptcies - has accounted for a major part of the response.

America's central bank has also stepped in with lending programmes with a similar aim.

Factoring in those kinds of actions puts France at the top of the pack and moves the UK into fifth place, instead of 47th.

- Huge economic rescue plan agreed by Europe leaders
- Congress passes $484bn coronavirus relief bill
- Coronavirus: India's bailout may not be enough to save economy

Prof Elgin says the biggest responses have occurred in countries that are richer, older - and have fewer hospital beds. Countries like the US and Japan are also in a better position to finance new spending, since investor willingness to buy their bonds means they benefit from low borrowing costs.

However Prof Elgin says size shouldn't be mistaken for effectiveness, noting that countries are deploying funds differently.

"All the different contents in these packages, they might have different multiplier effects, creating different outcomes," he says.

Relief directed at companies tends to be a phenomenon of "advanced economies", says Paolo Mauro, deputy director of the IMF's fiscal affairs department. While the sums involved are potentially significant, he says such programmes tend to be relatively low risk, since many firms will be able to repay the loans as planned.

Meanwhile, some poorer countries have prepared responses, but will need to get money from international organisations and other donors to execute.



# 5 ADVANTAGES of SOCIAL MEDIA

## CONNECTIVITY

*People communicating*
*Irrespective of location*
*Sharing ideas*

## EDUCATION & INFO

*Medium for learning*
*Fact finding*
*Latest developments*

## ASSISTANCE

*Communities*
*Immediate*
*Point of reference*

## CRIME DETECTION

*Analysis of data*
*Identification of patterns*
*Evidence*

## REPUTATION

*Build trust*
*Ensure legitimate content*
*Open for feedback*

mita

CYBER SECURITY MALTA
Digital Security Your Priority

@cybersecuremt

# Il-Pietà fil-Vatikan

**George Zammit**
Gwida

Il-Pietà tal-Vatikan hija meqjusa bħala kapulavur artistiku mill-isbaħ, fejn L-artist Michelangelo Buonarroti naqqax skultura tal-irħam li hija meqjusa bħala waħda mill-ikbar xogħlijiet ta' arti fid-dinja ta' tema reliġjuża.

Il-Pietà hija wkoll l-unika waħda li ġġib il-firma tal-awtur fuq iċ-ċinga mdendla madwar il-Verġni Marija u ppreservata b'mod sabiħ fil-kappella tal-ġenb fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma.

Michelangelo di Lodovico Buonarroti Simoni, magħruf l-aktar bħala sempliċiment "Michelangelo" twieled fis-6 ta' Marzu 1475 f'Caprese viċin Arezzo fir-Repubblika ta' Firenza Toskana fl-Italja u miet fl-1564 fl-età ta' 88 sena ġewwa Ruma. Magħruf bħala wieħed mill-ikbar artisti fil-perjodu tar-Rinaxximent, li influwenza lid-dinja bħala perit u poeta flimkien ma' ħafna xogħlijiet fl-iskultura u l-pittura.

Din l-arti famuża tal-"Pietà" minquxa minn blokka sħiħa tal-irħam ta' 'Carrara' tirrappreżenta u turi lill-Madonna żżomm il-katavru ta' Ġesù mejjet u mitluq ftit wara li niżluh minn fuq is-salib. Xogħol li fil-karriera ta' dan l-artist kien differenza minn kull xogħol preċedenti li kien għamel. Fil-fatt din l-istatwa magnifika nħadmet min l-aktar blokka "perfetta" li qatt uża Michelangelo, meta tħares lejn kull statwa oħra li kien ħoloq.

Fil-Pietà toħroġ l-espressjoni perfetta ta' żewġ figuri skont l-istandards umani, fejn tispikka kull perfezzjoni fl-organi tal-ġisem bla ħajja ta' Ġesù, inkluż il-muskoli, il-vini, ix-xagħar u n-nervituri ta' Kristu mejjet. Impressjonanti l-ġisem bla ħajja ta' Ġesu' fejn jidher mitluq iżda seren u mimli paċi bħal donnu f'raqda twila u kwieta wara tant tbatija u wġigħ.

Jispikka ħafna wiċċ il-Madonna fejn toħroġ il-ħlewwa, is-serenità, ir-rassenjazzjoni fis-skiet perfett, l-irtubija tax-xufftejn u l-fidi tagħha fir-Redentur.

Michelangelo skolpixxa l-Pietà f'perjodu ta' ħames snin meta qagħad f'Ruma, xogħol li kien kummissjonat mill-'Kardinal de Billheres'. Ix-xogħol jesprimi n-natura traġika li seħħet f'din ix-xena. Il-Madonna tidher fit-tbatija u rrassenjata għar-realtà tal-mewt ta' Binha npoġġi f'ħoġorha, fejn fil-fatt il-figura ta' Kristu tpoġġiet f'qagħda mitluqa, mdemmija u mbenġla wara sigħat ta' tortura u tbatija. B'mod ġenerali, dawn iż-żewġ figuri huma simbolu tat-tbatijiet li għaddew minnhom qabel, waqt u wara l-passjoni.

Bla dubju l-Pietà tirrappreżenta wkoll espressjoni ta' sbuħija divina marbuta mal-idea tal-fidwa u l-uġigħ. Fl-opinjoni ta' ħafna esperti artistiċi, il-Pietà hija miraklu minn blata li qabel kienet mingħajr ebda forma, sakemm tieħu perfezzjoni li toħloq ir-realtà tal-ġilda mejta ta' Kristu u l-ġisem ħaj imma doloruż ta' Marija.

Matul snin aktar reċenti, din l-iskultura ta' fama mondjali għaddiet minn esperjenzi differenti. Fl-1964 il-Pietà ġiet mislufa lill-Fiera Dinjija ta' New-York, vjaġġ akkumpanjat b'sigurtà għolja.

F'Mejju tal-1972 spettatur laqat id-driegħ xellugi tal-Verġni u parti mir-ras b'martell fejn sfortunatament tkisser parti mill-imnieħer u l-għajn tax-xellug fil-wiċċ żagħżugħ tal-Madonna. Wara li tlesta x-xogħol tat-tiswija, din l-istatwa tal-irħam ġiet impoġġiha u magħluqa fi struttura ta' ħġieġ speċjali bħala sigurtà.

Ħafna turisti u nsara min madwar id-dinja kellhom ix-xorti li jżuru l-Pietà, fejn ftakru l-prezz tal-fidwa li ħallas Kristu għas-salvazzjoni tagħna.

*"Alla hekk ħabb id-dinja li ta l-Iben tiegħu waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem".*

Wara l-Qabar ta' Pietru, il-Kappella tal-Pietà hija l-iktar post sieket għat-



talb u meditazzjoni fil-Bażilika kollha. Darba ġurnalist bravu staqsa mistoqsija lil Michelangelo: X'kien is-sigriet li toħroġ żewġ figuri hekk sbieħ fil-Pietà minn blokka irħam?

Michelangelo, raġel ta' fidi li kien jaf kif jgħix ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla wieġeb hekk: Din hija risposta sempliċi ħafna għalija, għax jien qabel nibda nuża l-għodda noqgħod għal ftit ħin inħares lejn il-blokka sħiħa u nimmaġina il-figuri ġo dik il-blokka. Imbagħad, kulma nagħmel huwa sempliċiment li nneħħi l-ħażin ta' dik il-blokka u nħalli t-tajjeb ġo fija sakemm toħroġ il-figura sabiħa kif nippreferi jien.

Hekk ukoll il-bniedem nisrani, irid jimxi fuq dan l-eżempju ta' fidi fl-arti u l-versi ta' Michelangelo, biex il-figura tagħna tibqa' spiritwalment sabiħa, nadifa u safja.

*"L-ewwel ineħħu l-ħażin li hemm fil-ħajja tagħna, imbagħad inħallu t-tajjeb biss."*

# Il-Ħobża Maltija

*“Bread is a celebration”* *Lynn Rossetto Kasper*

**Doris Zammit**
Opinjonista u xandara veterana

L-Istorja tal-ħobż tmur lura sa 30,000 sena ilu. L-ewwel ħobż li ġie prodott kien aktarx magħmul minn qamħ forma ta' pejst magħmul minn ċereali mitħuna, mixwija u miżjuda bl-ilma jew inkella kien hemm min kien qed jesperimenta bl-ilma u dqiq u fforma ħobża li ntgħoġbot.

Magħrufa bħala "Ħobża Maltija" jew Ħobż tal-Malti għalina l-Maltin, din il-ħobża hija unika u tinsab biss fil-gżejjer tagħna.

Il-ħobża tradizzjonali kienet tinħema f'forn li jaħdem bl-injam, imma minħabba l-ispejjeż dejjem jikbru kif ukoll regolamenti ambjentali, kien diffiċli għall-furnara Maltin li jibqgħu jużaw l-injam bħala s-sors ewlieni biex jaħmu l-ħobż.

Illum ħafna furnara biddlu l-forn li jaħdem bil-ħatab għal wieħed li jaħdem bil-gass u filwaqt li t-togħma u l-mod ta' kif issir il-ħobża ma nbidilx hemm dawk li jgħidu li jistgħu jagħrfu bejn waħda u oħra.

Wieħed minn dawn huwa bla dubju Nenu Debono li biex jiżgura li din it-tradizzjoni ma tmutx għadu jħaddem il-forn tiegħu fil-Belt Valletta bil-ħatab. Illum dan il-forn ġie mibdul għal attrazzjoni turistika fejn wieħed jista' jagħti titwila lejn l-istorja u t-tradizzjoni tal-ħobża Maltija.

Il-produzzjoni tal-ħobż kienet issir kważi fil-bliet u rħula Maltin kollha. Dawk l-irħula kbar kien ikollhom aktar minn forn wieħed. Hemm lokalitajiet fejn insibu 'Triq il-forn' biex ifakkru xi forn li kien jeżisti fil-lokalità bħal f'Ħal Lija u l-Belt Valletta.

L-aktar raħal magħruf għall-ħobż kien Ħal Qormi magħruf ukoll bħala *Casal Fornaro* (Ir-raħal tal-furnara). Huwa dokumentat li qabel ma' l-Kavallieri bnew il-forn tagħhom fil-Belt Valletta, kien Ħal Qormi li kien iforni bil-ħobż lill-akbar stabbilimenti tagħhom bħall-bereġ, il-palazz tal-granmastru u l-isptar. Jingħad li dan kien isir għal żewġ raġunijiet. Ħal Qormi kien magħruf sew bħala ċentru għall-produzzjoni tal-ħobż u kien l-aktar lokalità qrib il-Belt Valletta u l-Furjana.



Jekk l-ikel Malti għandu biex jiftaħar huwa bla dubju għall-ħobż tiegħu. Il-ħobż jagħmel parti strumentali mid-dieta Maltija u jista' jintuża f'diversi riċetti li għadhom magħna sal-lum.

Minkejja l-iżvilupp ekonomiku, stil ta' ħajja u konsum ta' ikel differenti li forsi jgħin biex jaljenana minn dak li hu tradizzjonali u li jagħmel parti mill-identità Maltija, jidher iżda li l-ħobża Maltija għadha u tibqa' preżenti fid-djar u fuq il-mejda tagħna, mhux biss bħala prodott lokali imma wkoll għaliex iżżomm l-identità li għaddewlna missirijietna li bnew dan in-nazzjon b'xogħol iebes u sagrifiċċji.

Għall-Maltin, ikla tajba mingħajr biċċa ħobż tal-Malti friska u tqarmeċ, ma tkunx kompluta. Huma jinsistu li jekk jista' jkun il-ħobż ikun għadu jaħraq ħiereġ mill-forn. U għalhekk ħafna furnara jridu jaħdmu matul il-lejl biex joħorġu jbigħu l-ħobż filgħodu kmieni.

Għalkemm il-ħobża Maltija tista' tittiekel ma' kull kwalità ta' ikel, l-aktar mod tipiku u favorit ma' ħafna hija l-ħobża biż-żejt, fejn il-ħobża tiġi midluka bit-tadam jew bil-kunserva, mferrxa biż-żejt taż-żebbuġa, u mimlija b'taħlita ta' tonn taż-żejt, żebbuġ, kappar, basal, bigilla u ġbejniet. Ma jistax jonqos li l-ħobża biż-żejt iġġib ħafna memorji u nostalġija lill-Maltin kollha.

Staqsi lil kull Malti li jgħix barra minn Malta biex jgħidlek x'inhu l-aktar li jimmissja minn art twelidu. Bla dubju t-tweġiba ta' ħafna tkun il-ħobż tal-Malti.

Insibu żewġ qisien ta' Ħobża Maltija, dik tar-ratal u tan-nofs ratal li bejn wieħed u ieħor huma ekwivalenti għal 800 gramm u 400 gramm. Insibu diversi raġunijiet għaliex il-ħobża Maltija hija daqstant popolari. Il-ħobża għandha togħma ftit ħelwa u qoxra tqarmeċ u delizzjuża. Issib dawk il-furnara li jroxxu l-wiċċ tal-ħobża bil-ġunġlien.

Il-ħobża Maltija hija bla dubju parti mill-wirt tagħna, u ma jonqosx li aħna għandna għax inkunu kburin ħafna biha.

# Punti pożittivi minn xi ħaġa negattiva bħal-COVID19

**Philip Chircop**
Fundatur 'Nanniet Malta'

Fejn qabel qajla kien ikolli ċans nieħu xi ħaġa għall-*breakfast,* ħlief ftit te biex nibla' xi għaxar pilloli f'salt, qabel ma noħroġ għall-volontarjat bil-ħarba, dan l-aħħar qed nistenbaħ f'xi l-ħamsa – inqum mis-sodda tard filgħodu – u nsib lil maħbuba tiegħi, Carmen, tlestili *Full English Breakfast,* kikkra te sħuna u toast. U kemm sirt bilgħaqal issa, hekk m'għadnix nibla' għaxar pilloli f'salt, fuq stonku vojt!

Fejn qabel qatt ma kont inkun preżenti d-dar waqt li Carmen tkun qed issajjar, issa kelli l-ħin kollu u sirna nsajru flimkien (insomma, għalija d-'dirty work') pereżempju inqaxxrilha xi basla (biex niffrankalha d-dmugħ), xi tewma jew ftit patata (għal forn), u nħobb inaddaf xi pastarda jew xi kaboċċa (bħali).

Insomma, imbagħad, minn wara daharha, nitfa' xi ftit Peperonċini jew naqra Tabasco, u tgħidx kemm jiġi tajjeb – għax illum, ta' sebgħa u sittin sena, sirt inħobb l-ikel ftit spicy u anke Carmen tafux, għax tilgħaq il-platt – ħlief meta jiżloqli xi ftit tabasco żejjed!

Dan l-aħħar, tgħidx kemm qed niffranka pilloli (tal-urina) għax peress li qed ikollna naħslu jdejna kull għoxrin minuta, kull darba li nisma' l-ilma nieżel qed immur dritt fit-*toilet* – U allura m'għadnix nibla' dawk il-pilloli kollha, għax qed ninqeda sewwa mingħajrhom. Min irid xi ftit, għandi skoss pilloli, U b'xejn!

Fejn qabel konna mmorru nixtru bil-'bulk' mis-supermarket – dan l-aħħar kelli ċans indur dawra mal-freezers u tgħidx kemm skoprejt laħam, koxox tat-tiġieġ, fdalijiet iffriżati (biex ma naħlux!), għaġina tat-torti u tal-ħelu, boroż tal-patata/chips iffriżati u tgħidx kemm ikel ieħor.

Tista' taħseb, għadna s'issa nieklu ikel mill-freezers sa minn meta bdejna l-klawsura ġod-dar! Mhux biss, il-ħobż li sibna ffriżat spiċċa pudina tal-ħobż (insomma, taparsi tal-ħobż !!) – Għax ġietna z-zalza ogħla mill-ħuta, għax tgħidx kemm ġietna għalja. Kemm sibt lewż, żbib, ċirasa, kokodina, butir u ma nafx x'iktar, tfajthom kollha fil-borma – u tgħidx kemm iffrankajna!... għax għamilna ġimgħa nieklu minn dil-pudina (tal-ħobż!!) u, bl-għaġina li sibna, għamilna 'apple pies', torti tal-ħaxix u tas-salamun u torta tal-lampuki (ffrizati).

Kważi kważi, qed jiddispjaċini li ser ikolli nerġa' għall-ħajja normali għax veru kont drajt b'dan l-lussu ta' ħin fuq idejja, fl-għożża tal-mara, man-neputijiet u l-familji t'uliedi. Ħeqq, viva l-Korona, la ċ-ċinizi fehmuha hekk! Minn Marzu sa Ġunju, klawsura.

# Skultura b'Differenza

**Mary Anne Zammit**

F'intervista ma' Michael Cachia



L-ewwel darba li rajt ix-xogħol ta' Michael Cachia mnaqqax fil-ġebla Maltija bqajt issumata nħares lejn il-kreattività tiegħu. L-iskultura fiha nfisha tirrikjedi ħafna xogħol u ħila, l-aktar dik tal-ġebel. L-iskultura ta' Michael hija waħda partikulari għaliex tinvolvi l-bini ta' monumenti storiċi, b'ħafna reqqa, dettal u preċiżjoni.

Michael ġej mis-sengħa tal-bini u dan kien fattur li għenu biex jibda jiskolpi fil-ġebel. Minn dejjem kellu l-interess fl-iskultura fil-ġebel u ftit ftit beda jnaqqax fil-ġebla. Bil-mod, il-mod bdiet tinbet fih ix-xewqa li jibda jibni dawn il-monumenti storiċi u l-ewwel xogħol fl-iskultura fil-ġebel kien it-Torri l-Aħmar ta' Santa Agatha.

"Għal bidu ħassejtni li qed nieħu riskju għax ma kontx naf jekk hux se nasal jew le għaliex dan kien proġett akbar minni. Iżda meta rajt ix-xogħol lest għamilt ħafna kuraġġ li nkompli fuq aktar proġetti."

Iżda, kif jaħdem eżattament Michael biex jasal jagħmel dawn l-opri artistiċi? Michael beda biex jgħid li l-ewwel ikollu stampa tal-monument rispettiv, imbagħad jieħu l-qisien oriġinali biex jara kemm hu kbir. Wara jaqta' biċċa ġebla u jibda ftit ftit inaqqax fiha. Sostna li l-ewwel jibda bil-pedament u jitla' biċċa, biċċa.

"Kull xogħol biex jitlesta jieħu madwar sitt mitt siegħa, bejn wieħed u ieħor madwar sitta jew seba' xhur. Dawn kalkulati fuq madwar ħamsa sa sitt sigħat kuljum. Nistqarr li, waqt li qed naħdem, inħossni nintilef, bħal ninsa fejn il-ħin jieqaf. Dan ix-xogħol sar parti minn ħajti u dawn il-proġetti saru qishom it-tfal tiegħi."

Michael żied jgħid li ġieli stampa tkun tidher mod imma meta jiġi biex jaħdem isib mod ieħor. Kontra qalbu, ġieli jkun hemm ċerti dettalji li jkollu jħallihom għaliex ikunu kemxejn impossibli jsiru. Jidher ukoll, li dan ix-xogħol ma tantx hu komuni ħafna u ma tantx hawn min jagħmlu. Għalhekk Michael jixtieq li jkun hawn aktar għarfien, kif ukoll jiżdiedu aktar nies li jipprattikaw dan il-mistier.

Imma x'jispirah jagħmel dan? Michael jgħid li l-ispirazzjoni tiġi l-aktar waqt li jkun qed jivjaġġa. Pereżempju meta mar ir-Russja hu inspira ruħu mill-Kattidral ta' San Basilju li hemm fil-Pjazza l-Ħamra.

Maż-żmien hu ħadem diversi proġetti fosthom; il-Moskea l-Kaħlija fit-Turkija, it-Tempju l-Abjad fit-Tajlandja, il-White House fl-Amerika, kif ukoll il-Parlament ta' Budapest u Taj Majal li nsibu fl-Indja.
U x'inhu l-proġett li jmiss għal Michael?

Il-proġett li jmiss ser ikun dak tal-bini ta' Kastilja u Michael jispera li jirnexxielu għax ser ikun proġett verament kbir. Hu sostna li għandu xewqa oħra kbira, dik li xi darba jagħmel esebizzjoni bix-xogħlijiet tiegħu. Madanakollu din se tkun daqsxejn iebsa, kemm biex jinġarru esibiti ta' dan id-daqs, u anke għax jista' jsirilhom xi ħsara.

Michael temm bix-xewqa tiegħu li jkun hawn aktar għajnuna mill-Awtoritajiet, u anke mill-Periti għax hekk ikollhom pjanti lesti tal-post, hu jkun jista' jaħdem aktar preċiż.

"Naħseb li l-akbar xewqa li għandi hi li dan ix-xogħol jingħata aktar għarfien u pubbliċità. Mhux għalija imma biex jitħajru anke ż-żgħażagħ, li jagħżlu li jaħdmu f'din is-sengħa. Ma nixtieqx li mmut jien u kollox jieqaf hawn. Ħolma oħra tiegħi hi wkoll li forsi xi darba jkun hawn mużew b'dawn it-tip ta' esibiti."

Naqblu għaliex dan hu xogħol tassew sabiħ u ħasra li ma jitkomplix.

# Maltin li għamlu ġieh bix-xogħol tagħhom

**Mary Anne Zammit**
Kittieba u Artista




Fil-bijografija *A Legacy of Church Builders*, Victor Sammut jagħti tagħrif u jirreferi għal stejjer b'interess partikulari għall-parruċċani tal-Gżira, tal-Belt Valletta, tal-Furjana, ta' Raħal Ġdid u ta' Santa Luċija. Il-ktieb jibbaża fuq il-kontribut ewlieni ta' tlett personaġġi biex inbnew il-knejjes f'Malta. Dawn huma lkoll antenati tal-istess awtur.

L-ewwel kontributur - **Antonio Sammut** (1867-1949) kien viċi-president tal-Kamra tal-Kummerċ u membru tas-Senat fis-*Self-Government* tal-Kostituzzjoni tal-1921. Hu xtara l-art mingħand il-Maġġur Ġużeppi Muscat u ħażżeż il-pjanti flimkien mal-Perit Francesco Caruana li għamlu xogħol bla ħlas. Antonio xtara wkoll l-art fejn bena d-*Domus Curialis*.

Sussegwentement - **Karm Sammut** (1888-1959) beda jaħdem għal xi żmien fix-xogħol tal-bini fit-Tarzna Navali. Ħadem ma' zijuh Antonio Sammut waqt il-bini tal-knisja tal-Madonna tal- Ġebla fil-Gżira, imbagħad fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba f'Birkirkara. Is-Sur Karm bena ħafna djar li kienu jsebbħu Triq it-Torri tas-Sliema.

Twieled fl-1908 - **Joseph Sammut** kien l-iben iż-żgħir tal-imgħallem u l-benefattur Antonio Sammut. Sa minn età żgħira hu wera' x-xewqa' fis-sengħa tal-bini u tħarreġ fil-klassijiet ta' filgħaxija biex aktar tard irċieva ċ-ċertifikat ta' *Maestrino.*

Billi Joseph kien għadu taħt l-età, missieru Antonio kien jieħu l-kuntratti u t-tifel kien imur hu mal-ħaddiema. Joseph kien strumentali biex tpoġġew arbli tal-elettriku sal-Marfa biex iwasslu l-provvista sa Għawdex. Għamel xogħol ukoll fil-*Power Station* fin-niżla' tas-Salib il-Furjana.

Uħud mix-xogħlijiet ta' Joseph jinkludu l-fabbrika tad-dqiq, *Pisani Floor Mills.* Fil-Belt għamel restawr tal-kampnar tal-pro-katidral protestant ta' San Pawl, il-portiku tal-kon-katidral ta' San Ġwann, l-iskultura tal-kappella tal-Ġermanja; il-bini tal-knisja ta' San Nikola (magħrufa bħala tal-Erwieħ), il-bini tal-kampnar u ċ-ċenaklu tal-knisja ta' Santu Wistin, kif ukoll l-istatwa ta' Kristu Re li ttellgħet fuq il-faċċata ta' San Publiju, l-Furjana.

F'dan il-ktieb, *A Legacy of Church Builders,* Victor Sammut jirnexxielu jerġa' jagħti l-ħajja lix-xogħlijiet tal-antenati tiegħu.

# Iż-żmien fil-ħajja tal-bniedem




**George Zammit**
Kelliem Reliġjuż

Fil-ħajja hemm bosta affarijiet li jisirqulna l-ħin bla ma kultant inkunu nafu.  Aħna ħafna drabi ma nindunawx, imma ż-żmien huwa element importanti ħafna f'ħajjitna.

Kultant iż-żmien jidher li qatt ma jgħaddi, waqt li snin oħra jidhru bħal itiru. Li hu ċert hu li ż-żmien minn dejjem kien prezzjuż għal kulħadd u għal din ir-raġuni sempliċi irridu nippruvaw nippjanaw sewwa biex ma naħlux aktar żmien fix-xejn fil-ħajja tagħna, pereżempju billi nagħmlu affarijiet li ma nħobbux nagħmlu, għax xi darba se jiddispjaċina bih meta jkun tard wisq.

Mill-esperjenza naf li wieħed jista' jgħix infinitament aħjar bi ftit flus imma b'ħafna ħin liberu, milli b'aktar flus u b-inqas ħin, speċjalment mal-familja.

Wara kollox dak li hu importanti mhuwiex is-snin ta' ħajtek, imma l-ħajja li tpoġġi f'dawn is-snin. Jekk torganizza lilek innifsek, il-ħin u ż-żmien tal-bniedem huma dejjem hemm preżenti. Kull qawwa u suċċess tal-bniedem huma magħmula dejjem minn ħin ippjanat tajjeb u żmien organizzat bil-paċenzja.

Napuljun Bonaparte li kien mexxej militari Franċiż kien jgħid: "Nista' nitlef battalja, imma qatt ma nitlef minuta mill-ħajja"

Għalhekk nieħdu dejjem vantaġġ mill-ħin preżenti, għax il-ġranet huma qosra. Ma jiddispjaċinix ż-żmien li tlift maż-żmien, imma jiddispjaċini miż-żmien li tlift ma' ċerti nies għax fil-ħajja kollox jgħallem u l-bniedem jimmatura maż-żmien u ma kull minuta li tgħaddi.

Għalhekk ejja ma nibqgħux dejjem naħsbu biex naqilgħu l-flus biss, imma aktar importanti li għandna naqilgħu l-ħin bil-flus.

Wasal iż-żmien li nibdew nimmaturaw u ma nagħmlux aktar żbalji billi noqgħodu niġġieldu kontra z-żmien preżenti, għax il-ħajja ta' kull bniedem fuq din l-art hija tant qasira li m'hemmx ħin għall argumenti u paroli fil-vojt li jwasslu għal piki fil-familji u gwerer bejnietna. Imma hemm biss ħin għall-għaqda fraterna biex bħala poplu nħobbu aktar lil xulxin kif ħabbna Missierna mis-smewwiet.

Santa Tereża ta' Calcutta magħrufa bħala Madre Teresa li kienet Albaniża Kattolika u soru missjunarja kienet tgħid frażi sabiħa ħafna: "Il-bieraħ għadda u għada għadu ġej, mela għandna llum biss, ejjew nibdew".

Mela nibdew napprezzaw aktar dak iż-żmien sabiħ u l-ħin volontarju, speċjalment meta jingħataw lill-oħrajn, speċjalment lil dawk fil-bżonn. Waħda mill-kliem tal-għerf hi li rridu noqgħodu attenti biex iż-żmien ta' ħajjitna ngħixuh  bil-galbu, għax huwa tajjeb li tgawdi ħajtek, għax il-ħajja sabiħa ħafna.

Jekk aħna jkollna din il-mentalità ġeneruża li ngħixu ż-żmien tal-ħajja tagħna tajjeb mal-oħrajn, ma jkollnix dlam ġewwa djarna u lanqas barra, imma dawl qawwi li jsebbaħ dawn il-gżejjer sbieħ tagħna. Sakemm nerġgħu niltaqgħu, il-paċi magħkom.

# Word Search (European Rivers)

**Peter Miceli Saydon**

Prinċipal

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | D | A | N | U | B | E | F | J | A | R | A | M | A | O |
| I | P | O | A | C | L | S | M | O | S | E | L | L | E | U |
| O | A | D | D | A | A | L | C | G | G | U | M | E | P | S |
| R | A | D | I | W | V | A | I | L | A | L | C | K | I | T |
| A | L | A | G | A | E | H | S | I | R | K | I | S | A | R |
| C | B | R | E | N | T | A | O | O | D | E | G | A | V | E |
| U | R | I | U | S | E | V | T | S | O | G | H | A | E | R |
| J | E | M | H | A | D | E | S | R | N | A | A | B | L | U |
| R | C | H | E | R | E | L | E | G | E | Y | R | D | A | B |
| Y | S | E | R | C | R | U | N | L | O | I | R | F | A | I |
| R | H | I | N | E | W | I | I | S | O | N | Z | O | W | C |
| Z | E | T | A | V | O | L | G | A | I | E | D | B | H | O |
| A | T | H | A | M | E | S | L | I | M | M | A | T | B | N |
| U | O | X | M | I | N | C | I | O | Y | T | I | B | E | R |
| K | O | K | A | M | E | N | J | O | K | S | E | I | N | E |

ADDA, ADIGE, BLAVET, BRENTA, CHER, CRASNA, DAHME, DAN-UBE, EDER, ESLA, FIORA, FOGLIA, GARDON, GAVE, HAVEL, HORYN, ISAR, ISONZO, JARAMA, JUCAR, KOKAMENJOK, KYMI, LIMMAT, LOIR, MINCIO, MOSELLE, NAAB, NESTOS, OGLIO, OUST, PIAVE, PO, RHINE, RUBICON, SEINE, SUIR, THAMES, TIBER, UME, VOLGA, WAAL, YSER, ZETA.

A conference call is the best way for a dozen people to say "bye" 300 times.

Have You Ever Been Insulted and Complimented at The Same Time? It is amazing how a person can compliment and insult you at the same time. Recently, when I greeted my co-worker, she said, "You look so gorgeous, I didn't recognize you."

I guess this is what happens after you've worked at the same place for a while. I was eating at a fast-food restaurant when an employee began his shift by walking into the kitchen area and calling out, "Honey, I'm home!"

At our weekly Bible study, the leader asked an elderly gentleman, Walt, to open the meeting with prayer. Walt did so in a soft voice. Another man, straining to hear, shouted, "I can't hear you!" Walt replied, "I wasn't talking to you."



# Sudoku

The goal of Sudoku is to fill a 9×9 grid with numbers so that each row, column and 3×3 section contain all of the digits between 1 and 9.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 6 | | | | 3 | | | 7 |
| 3 | | | 6 | 8 | | | 1 | |
| 1 | 9 | | 2 | | | | | |
| 6 | 8 | 5 | | | | 1 | 3 | |
| | | | | | | | | |
| 2 | 1 | | | | | | | |
| 4 | | 3 | | | | | | 6 |
| | | | | 2 | | | | 9 |
| | | | | 4 | | 8 | 7 | |

# Il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm...

## u l-kommemorazzjoni tiegħu fil-Gżejjer tagħna

**Tony Micallef**
Infermier inkarigat mir-relazzjonijiet pubbliċi
fi ħdan is-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm

Ta' kull sena madwar id-dinja fl-14 ta' Ġunju jkun ikkomemorat il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm. Fil-fatt din is-sena hi s-17-il sena minn kemm ilu jiġi ċelebrat dan il-jum. L-ewwel kommemorazzjoni kienet fl-14 ta' Ġunju tal-2004 f'Johannesburg, fl-Afrika t'Isfel.

Minn dik is-sena 'l hawn għadd ta' pajjiżi minn madwar id-dinja, inkluż Malta, bdew u baqgħu jikkomemoraw dan il-Jum taħt il-kappa tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa li ta' kull sena tagħżel tema u messaġġ. Fil-fatt it-tema ta' din is-sena kienet **"Id-demm ħieles mill-mard isalva l-ħajja tan-nies"** u l-messaġġ **"Agħti d-demm b'risq dinja aktar f'saħħitha"** biex permezz tiegħu jixpruna iktar nies f'saħħithom jersqu u jagħtu d-demm b'mod regolari.

L-għan prinċipali ta' dan il-Jum hu li d-donaturi li jagħtu d-demm fuq bażi volontarja u mingħajr pretenzjoni ta' ħlas lura, bħal ma jsir f'pajjiżna, jkunu murija rikonoxximent b'mod apert, partikularment mill-Istat.



Apparti hekk il-ġest nobbli tagħhom iservi ta' eżempju għal oħrajn u b'hekk jinbena pedament sod b'forniment sostenibbli ta' provista adegwata li tlaħħaq mal-bżonnijiet tal-pazjenti kollha li jiġu bżonn trasfużjoni tad-demm.

Tul is-snin li għaddew saru diversi attivitajiet informali biex jiġi kkomemorat dan il-Jum, sa ma' fl-2014 saret **Festa għad-Donaturi tad-Demm** taħt il-Patroċinju tal-E.T flimkien mal- President Marie Louise Coleiro Preca fil-Pjazza ta' quddiem l-Isptar San Luqa.

Minn wara din il-festa nbdiet ħidma sfieqa li wasslet biex fl-14 ta' Ġunju, 2015 saret għall-ewwel darba iċ-ċerimonja "Ħajr għad-Donaturi tad-Demm" taħt il-Patroċinju tal-E.T. Il-President fis-Sala tat-Tron, Il-Palazz u l-Belt. Dakinhar għadd ta' donaturi tad-demm irġiel li taw iktar minn 100 donazzjoni tad-demm, u nisa li taw tal-inqas 50 donazzjoni tad-demm irċevew ir-rikonoxximent "Ħajr għad-Donaturi tad-Demm."

Minn dik is-sena 'l hawn din iċ-ċerimonja baqgħet issir kull sena fl-14 ta' Ġunju, u l-aħħar darba li saret kien is-sena l-għaddiet fil-Palazz Verdala taħt il-patroċinju tal-E.T. Dott. George Vella. Minħabba l-pandemija, sfortunatament din is-sena iċ-ċerimonja ma tistax issir fil-jum proprju ddedikat lid-donaturi tad-demm, u jekk is-sitwazzjoni tkun tippermetti ssir f'data oħra iktar 'il quddiem.

Biex jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas u fl-istess ħin jinħoloq iktar għarfien dwar il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm u s-sinifikat tiegħu fil-gżejjer tagħna rajna binjiet u monumenti mixgħula bl-aħmar. Din l-inizjattiva kienet inbdiet is-sena li għaddiet b'għan li jkun hawn iktar għarfien ta' dan il-Jum u fl-istess ħin il-poplu jgħid GRAZZI lid-donaturi tad-demm b'mod apert.

Din is-sena l-kampanja ħadet dimensjoni nazzjonali bl-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta jixpruna din l-inizjattiva bil-mixgħela tat-tliet Palazzi Presidenzjali bl-aħmar u jħajjar entitajiet oħra jipparteċipaw.




Ta' min jgħid ukoll li wara talba formali li s-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjonijiet tad-Demm kien għamel lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kienet ġiet milqugħa l-proposta li l-Bieb tal-Bombi jiġi mixgħul bl-aħmar ukoll, mill-1 ta' Ġunju sal-14 ta' Ġunju.

Fost binjiet oħra prominenti f'Malta li rajna mixgħula bl-aħmar kien hemm Palazzo Castellana bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru tas-Saħħa. Palazzo Ferreria bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. Villa Bighi fil-Kalkara bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill għax-Xjenza u t-Teknoloġija, kif ukoll is-swar u l-koppla tal-Katidral tal-Imdina bil-kollaborazzjoni tad-Direttorat għar-Restawr.

F'Għawdex fost l-oħrajn rajna mixgħulin, il-Funtana tat-Tliet Għoljiet u l-Banca Giuratale fil-Belt Victoria, kif ukoll Il-Knisja tal-Lourdes fl-Imġarr u l-mitħna ta' Kola fix-Xagħra. Dan kollu kien kumpilmentat minn ħafna binjiet oħra mixgħula bl-aħmar bil-kollaborazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u għadd kbir ta' Kunsilli Reġjonali u Lokali.

Jalla din il-ħidma u l-inizjattiva jħallu l-frott mixtieq biex iktar nies jagħmlu kuraġġ u jersqu jagħtu d-demm għall-ewwel darba, u biex dawk eżistenti jkomplu jikkomettu ruħhom biex jagħtu d-demm bl-iktar mod regolari, għax in-nies bżonn id-demm il-ħin kollu, anke waqt il-pandemija.

# info

**Siti għall-għoti tad-demm:**

F'Malta, id-demm jista' jingħata fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm ta' Gwardamanġa li jiftaħ kuljum (7 ijiem fil-ġimgħa, inklużi l-festi pubbliċi) mit-8:00am sas-6:00pm.

Il-pubbliku jista' jagħti d-demm ukoll fil-Mobile Blood Donation Unit li b'mod skedat iżżur il-postijiet tax-xogħol u l-pjazez fl-irħula madwar Malta.

F'Għawdex wieħed jista' jagħti d-demm fil-Berġa tax-Xewkija, fi Triq Tal-Ħamrija, Ix-Xewkija. Din tkun disponibbli għall-għoti tad-demm Ħadd iva u Ħadd le mit-8:00am sas-1:00pm, u nhar ta' Tlieta iva u nhar ta' Tlieta le mis-1:00pm sal-5:00pm.

**Kuntatt għal tagħrif u assistenza**

Sit elettroniku: **www.blood.gov.mt**
Indirizz elettroniku: **customercare.nbts@gov.mt**
Facebook: **www.facebook.com/bloodmalta**

Mobile App: **Blood Donors MT**
Bażi ċentrali: **Ċentru tal-Għoti tad-Demm ta' Gwardamanġa**

Telefown: **2123 4767**
Linja tal-mowbajl: **7930 7307**
Freephone: **8007 4313**
Berġa tax-Xewkija: **2155 6461**

# Kompetizzjoni bi Premju

## GĦAT-TFAL

Kif intkom tfal?... Nittama li tinsabu tajbin. Minkejja din il-pandemija tal-CoronaVirus, nittamaw li kellkom tmiem sena skolastika tajba, għalkemm b'differenza. Issa li ninsabu fi żmien il-btajjel tas-Sajf, ejjew nieħdu l-okkażjoni biex apparti l-baħar, barbeques u divertiment, ma nitraskurawx il-qari u r-reviżjoni ta' xi suġġetti li neħtieġu. Dejjem inżommu f'moħħna li dak li qed nagħmlu llum se nsibuh għada. Jekk il-ħin jitqassam b'għaqal, il-btajjel tas-Sajf jistgħu jkunu ferm aktar sbieħ u ta' sodisfazzjon, għalikom u għal familji tagħkom.

Illum il-kompetizzjoni ftit differenti mis-soltu. Mela kuljum, kmieni wara nofsinhar, kienet tagħmel konferenza s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika biex taġġornana dwar dak li qed jiġri fostna dwar il-Covid-19. Il-mistoqsija hi; Għidulna l-isem u l-kunjom ta' din il-persuna. Biex ngħinkom ftit, ngħidilkom li din hija mara u li hija wkoll Professur

## GĦALL-KBAR

Kif intom ħbieb?... Permezz tal-magazine, 'Familja' qed inkomplu l-kampanja tagħna, 'Aqra Ktieb'.

Dan bil-għan li aħna l-ġenituri nħajru lil uliedna li tal-anqas darba kull ħmistax ikunu qraw ktieb. Hekk nerġgħu nibdew kultura ta' qari li hu l-mezz ewlieni kif il-bniedem itejjeb l-għarfien tiegħu u jissaħħaħ f'aspetti ta' ħsieb u kreattività.

Fil-kompetizzjoni li għaddiet staqsejna liema hu d-dekasteru li m'għadux parti mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. L-ewwel risposta tajba tgħidilna li hu dak tal-Qasam tad-Djar, din kienet mingħand is-Sa Anne Cauchi, Uffiċjal fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti MFCS li se tingħata żewġt kotba ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda.

Il-kompetizzjoni tal-lum hi din;
Kull 23 ta' Ġunju jkun ċelebrat jum b'konnessjoni mal-impjegati tas-Servizz Pubbliku u l-Konsumatur. X'jissejjaħ dan il-jum?



Agendabookshop

**Ibagħtu r-risposti tagħkom fuq:**
**familja.media@gov.mt**

**jew fl-indirizz:**
**Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali,**
**Tonio Bonello, Uffiċċju tal-Komunikazzjoni**
**4th Floor, MFCS, Palazzo Ferreria, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta**
**sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2020.**
**Permezz ta' din il-kompettizzjoni tistgħu tirbħu erba' kotba sbieħ (tnejn għall-kbar u tnejn għaz-zgħar) mill-ħwienet ta' Agenda.**